

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI  
MENGOZZI  
ippreżentati fit-23 ta' Frar 2010<sup>1</sup>

**I — Introduzzjoni**

1. Din ma hijiex l-ewwel okkażjoni li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddeċiedi fuq kwistjoni ta' għajjnuna mill-Istat li Franza kienet tat lill-kumpannija Scott, li tipproduċi karta għall-użu domestiku. Ma hijiex l-ewwel darba u lanqas ser tkun tal-aħħar. Independentement mill-eżitu ta' din il-kawża hemm tal-inqas tnejn oħra, li għadhom pendenti, li jirrigwardaw l-istess kwistjoni. Ser nagħmel referenza għalihom iktar 'il quddiem.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa taf il-fatti, u dawn imorru lura sal-1987. F'dik is-sena l-awtoritajiet pubbliċi Franċiżi kienu ttrasferew biċċa art lil kumpannija privata, Scott, bi prezz li l-Kummissjoni kkunsidrat li kien inferjuri għal dak tas-suq. Din l-art intużat biex jinbena stabbiliment ta' produzzjoni tal-karta. Fl-1996 Scott ġiet akkwistata minn kumpannija oħra, Kimberly-Clark Corp., li fl-1998, wara li għalqet l-istabbiliment, ittrasferietu, flimkien mal-art

li nbena fuqu, lil kumpannija oħra, Procter & Gamble.

3. Fir-rigward ta' dawn il-ġrajniet il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2002/14/KE, tat-12 ta' Lulju 2000, dwar l-għajjnuna mill-Istat mogħtija minn Franza favur Scott Paper SA/Kimberly-Clark<sup>2</sup> (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni kkontestata”)

4. It-test tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kkontestata huwa dan li ġej:

*“L-Ewwel Artikolu*

L-għajjnuna mill-Istat taħt forma ta' prezz preferenzjali ta' art ta' rata preferenzjali fuq il-levy tat-trattament tal-ilma, li Franza implementat favur Scott, f'ammont ta' FRF 39.58 miljun (EUR 6.03 miljun) jew, f'valur materjali, ta' FRF 80.77 miljun ta' (EUR 12.3 miljun), għal dak li jirrigwarda l-prezz preferenzjali tal-art, u għal ammont li l-awtoritajiet Franċiżi għandhom

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — ĠU 2002, L 12, p. 1.

jiddeterminaw skont il-metodu ta' kalkolu stabbilit mill-Kummissjoni, hija inkompatibbli mas-suq komuni.

#### Artikolu 4

Ir-Repubblika Franċiża hija destinatarka ta' din d-Deċiżjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali].”

#### Artikolu 2

1. Franza għandha tiegħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex tirkupra mill-benefiċarja tagħha l-għajjnuna indikata fl-ewwel Artikolu u li diġà tqegħdet għad-dispożizzjoni tagħha illegalment.

2. L-irkupru għandu jsejtn mingħajr dewmien skont il-proċeduri tad-dritt nazżjonali, sa fejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tal-preżenti deċiżjoni. L-għajjnuna li trid tiġi rkuprata għandha tinkludi l-interessi mid-data li fiha tqegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċarja, sad-data tal-irkupru tagħha. L-interessi għandhom jiġu kkalkulati abbażi tar-rati ta' riferiment użati għall-kalkolu tassussidji ekwivalenti fil-kuntest tal-għajjnuniet b'finalitajiet reġjunali.

#### Artikolu 3

Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni, f'terminu ta' xahrejn li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni, tal-miżuri adottati sabiex tikkonforma magħhom.

5. Id-Deċiżjoni kkontestata kienet is-suġġett ta' żewġ rikorsi paralleli quddiem il-Qorti Ġenerali. L-ewwel wieħed, li ġie ppreżentat mid-Département du Loiret (ir-reġjun fejn tinsabl-art li hija s-suġġett ta' din id-deċiżjoni), irreġistrat taħt in-numru T-369/00, intemm bl-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata “sa fejn tirrigwarda l-għajjnuna mogħtija taħt forma ta' prezz preferenzjali ta' art indikata fl-ewwel Artikolu tagħha”<sup>3</sup>. B'mod partikolari, din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kienet annullat id-deċiżjoni kollha (fil-parti li tirrigwarda l-prezz preferenzjali tal-art) minħabba żball li għamlet il-Kummissjoni fil-kalkolu tal-interessi li kellhom jithallu fir-rigward tal-irkupru tal-għajjnuna. Is-sentenza ġiet appellata mill-Kummissjoni, u l-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li kkonfermat il-korrettezza tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fuq il-kalkolu tal-interessi, ikkonstatat li dak l-aggravju ta' illegalità tal-att ikkontestat ma setax jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kollha, iżda l-parti speċifika biss tagħha li tirrigwarda l-interessi. Għaldaqstant, is-sentenza tal-ewwel istanza ġiet annullata, u l-kawża hija mill-ġdid pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali<sup>4</sup>.

6. It-tieni rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni kkontestata, li qed jiġi ttrattat

3 — Sentenza tad-29 ta' Marzu 2007, Département du Loiret vs Il-Kummissjoni (T-369/00, Ġabra p. II-851).

4 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, Ġabra p. I-9363).

f'din il-kawża, tressaq minn Scott Paper SA (iktar 'il quddiem "Scott"), id-destinatarja tal-miżuri li l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna. Dan ir-rikors, irreġistrat taħt in-numru T-366/00, wassal għal sentenza li, mogħtija fid-29 ta' Marzu 2007, fl-istess jum ta' dik fil-Kawża T-369/00, annullat biss l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni kkontestata, "sa fejn dan jikkonċerna l-għajnuna mogħtija fil-forma ta' prezz preferenzjali ta' l-art kontenzjuża previst fl-Artikolu 1 tagħha".

7. Għall-kompletezza, għandu jiġi nnotat li l-kwistjoni wasslet għal kawżi oħra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-ewwel lok, fil-Kawża C-276/03 P<sup>5</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali li, b'żewġ sentenzi parzjali, kienet ċaħdet l-eċċezzjonijiet ibbażati fuq il-preskrizzjoni<sup>6</sup>. Fit-tieni lok, b'sentenza mogħtija f'Ottubru tal-2006, Franza ġiet ikkundannata għaliex ma mxietx mal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-irkupru tal-għajnuna<sup>7</sup>. Fl-aħħar nett, bħalissa hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-Kawża C-210/09, li oriġinat minn talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative d'appel de Nantes fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali intiża sabiex tirkupra l-għajnuna.

5 — Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Scott vs Il-Kummissjoni, (C-276/03 P, Ġabra p. I-8437).

6 — Iż-żewġ sentenzi inkwistjoni, li nġataw fl-istess jum, huma rispettivament is-sentenza tal-10 ta' April 2003, Département du Loiret vs Il-Kummissjoni (T-369/00, Ġabra p. II-1789), li ma ġietx appellata, u s-sentenza tal-10 ta' April 2003, Scott vs Il-Kummissjoni (T-366/00, Ġabra p. II-1763), li l-appell tagħha wassal għas-sentenza ċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

7 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Franza (C-232/05, Ġabra p. I-10071).

## II — Is-sentenza appellata

8. Insostenn tar-rikors tagħha fil-Kawża T-366/00, Scott kienet ipproponiet erba' motivi, relatati rispettivament mal-ksur tad-drittijiet proċedurali, mal-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, mal-ksur tal-prinċipju tal-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi u ma' żball fil-valutazzjoni tal-għajnuna<sup>8</sup>.

9. L-ewwel nett il-Qorti Ġenerali eżaminat l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà li ressqet il-Kummissjoni fir-rigward ta' uħud mill-annessi tar-rikors ta' Scott: skont il-Kummissjoni, dawn id-dokumenti ma setgħux jiġu annessi b'mod validu mar-rikors peress li ma jagħmlux parti mill-fajl amministrattiv.

10. F'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali osservat li, fil-verità, il-problema ma kinitx dik tal-possibbiltà li jiġu annessi jew le dawn id-dokumenti mar-rikors, iżda dik li wiehedi jifhem jekk setgħux jew le jiġu użati fil-kawża biex tiġi evalwata l-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata. Wara li eskudiet dik il-possibbiltà għal tieta minn erba' dokumenti inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali eżaminat ittra li ntbaġhtet lill-Kummissjoni mill-avukat ta'

8 — Sentenza appellata, punt 37.

Scott fl-24 ta' Diċembru 1999. Il-Kummissjoni rrifjutat li tikkunsidra dik l-ittra, peress li għet minn terzi u għet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu previst fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

11. Fir-rigward ta' dik l-ittra, il-Qorti Ġenerali għamlet sensjela ta' kunsiderazzjonijiet ikkonċentrati b'mod partikolari, fuq ir-rwol tal-benefiċjarju tal-għajnuna fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat. Il-kunsiderazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali ma għandhomx jinġabru fil-qosor hawnhekk, peress li huma s-suġġett ta' diversi aggravji tal-appell tal-Kummissjoni u għalhekk ser jiġu diskussi iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet. Hawnhekk għandu jingħad biss li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kellhiex tiċħad li tiddaħħal l-ittra ċċitata fil-fajl amministrattiv. Għaldaqstant il-kontenut tagħha għie kkunsidrat mill-Qorti Ġenerali sabiex tiġi evalwata l-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata.

12. Ma huwiex ċar però liema konklużjoni waslet konkretament għaliha l-Qorti Ġenerali minn din il-kunsiderazzjoni, u lanqas fuq liema bażi għamlitha. Fl-ewwel lok, ma jirriżultax mis-sentenza li Scott sostniet in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-ittra tagħha bħala motiv ta'

annullament<sup>9</sup>. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kkontestata abbażi ta' kunsiderazzjonijiet dwar, mhux il-proċedura segwita, iżda dwar l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, mis-sentenza kkontestata jirriżulta li l-evalwazzjonijiet u r-referenzi kontenuti fl-ittra ta' Scott li għet irrifjutata mill-Kummissjoni, għew inklużi f'ittra indirizzata lill-Kummissjoni mill-Gvern Franċiż fil-21 ta' Frar 2000, u konsegwentement xorta għew inklużi u saru parti mill-fajl<sup>10</sup>.

13. Il-qari tas-sentenza appellata jidher li jindika li, skont il-Qorti Ġenerali, billi l-Kummissjoni kellha taċċetta l-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999, il-kontenut tagħha jista' jintuża sabiex tiġi evalwata l-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata. Min-naħa l-oħra, kif intqal fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, essenzjalment, l-argumenti li hemm f'dik l-ittra ngħiebu mill-fajl peress li wara saret referenza għalihom minn Franza. Ma ninnegax li jiena tal-opinjoni li dan ir-raġunament joħloq ċerti problemi. Ser nittratta dan iktar 'il quddiem meta niddiskuti l-aggravji tal-appell dwar ir-rwol li għandu jiġi rikonoxxut lill-benefiċjarju tal-għajnuna.

9 — Għandu jingħad però li minn eżami rapidu tar-rikors oriġinarjament ippreżentat minn Scott quddiem il-Qorti Ġenerali jidher li jindika li, fil-fatt, dik iċ-ċaħda ntużat mir-rikorrenti sabiex tibbaża l-ewwel motiv tar-rikors tagħha, li l-Qorti Ġenerali ma ttrattax espliċitament, fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet proċedurali.

10 — Sentenza appellata, punt 128.

14. Wara li għamlet dik il-premessa, il-Qorti Ġenerali għaddiet sabiex teżamina direttament ir-raba' motiv tar-rikors, fir-rigward tal-evalwazzjoni żbaljata min-naħa tal-Kummissjoni.

15. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali sostniet li l-Kummissjoni żbaljat meta rrikorriet, sabiex tiddetermina l-valur tal-art trasferita lil Scott, għall-ispejjeż li għamli l-awtoritajiet pubbliċi sabiex jakkwistaw u jħejju l-istess art. Fil-fatt - hekk kif osservat il-Qorti Ġenerali - l-ispejjeż ma jikkostitwux il-metodu l-iktar affidabbli għad-determinazzjoni tal-valur<sup>11</sup>. Min-naħa l-oħra, anki jekk tiġi amnessa l-legalità tal-użu tal-metodu tal-ispejjeż, il-Kummissjoni wettqet sensiela ta' żbalji fil-kalkoli tagħha. Uħud minn dawn l-iżbalji fl-aħħar mill-aħħar iffavorew lil Scott, billi ssuġġerew spejjeż iktar baxxi minn dawk reali, filwaqt li żbalji oħra wasslu għal konklużjonijiet oħra; il-Kummissjoni ma daħlitx biżżejjed fil-fond ukoll f'ċerti elementi li kienu jippermettulha tiddetermina l-valur tal-art b'mod iktar affidabbli. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-art stess li kien hemm fid-Deċiżjoni kkontestata hija "[i]vvizzjata bl-iżbalji"<sup>12</sup>.

16. Il-Qorti Ġenerali mbagħad ikkritikat l-għażla tal-Kummissjoni li fil-valutazzjoni tagħha ma kkunsidratx, xi stimi tal-valur tal-art li għamli l-amministrazzjoni fiskali Franċiża, l-uffiċċju tekniku Galtier u l-Kummissarju tal-valutazzjonijiet (*Commissaire aux*

*apports*) maħtura mill-President tat-Tribunal de commerce ta' Nanterre, u li lanqas ma kkunsidrat bħala rilevanti il-prezz tal-bejgħ tal-art minn Scott lil Procter & Gamble fl-1998. Dawn l-elementi kollha, imsemmija kemm fl-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999 kif ukoll f'dik tal-Gvern Franċiż tal-21 ta' Frar 2000, għalkemm fihom infushom ma jurux l-iżball ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni, kellhom, skont il-Qorti Ġenerali, jiġu kkunsidrati, pereżempju billi l-partijiet jintalbu jipproduċu t-test sħiħ tal-valutazzjonijiet iċċitati jew li jsir użu minn espert estern<sup>13</sup>.

17. Fl-aħħar nett il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni wettqet illegalità meta ma użatx, qabel ma ħadet deċiżjoni bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli, minħabba n-nuqqas ta' kollaborazzjoni ta' Stat Membru, is-setgħa li tordna lill-istess Stat li jipprovdi informazzjoni speċifika<sup>14</sup>. It-talba ġenerika indirizzata lil Franza li tipprovdi "d-dokumenti, l-informazzjoni u d-dati kollha utili sabiex hija tkun tista' [...] teżamina l-kompatibbiltà" tal-għajjnuna mas-suq komuni kienet ġenerika wisq, u ma tosservax ir-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 10 (3) tar-Regolament Nru 659/99<sup>15</sup>.

13 — Sentenza appellata, punt 137.

14 — Sentenza appellata, punt 151.

15 — Sentenza appellata, punt 154. Ir-regolament inkwistjoni huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

11 — Sentenza appellata, punt 106.

12 — Sentenza appellata, punt 123.

18. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, invista tal-“inċertezza kunsiderevoli” dwar il-valur tal-art mibjugħa lil Scott, il-Kummissjoni ma għamlitx eżami biżżejjed fil-fond. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni kkontestata, fil-parti fejn din tirreferi għall-ghajjnuna mogħtija taħt forma ta’ prezz preferenzjali tal-art<sup>16</sup>.

il-prezz tal-bejgħ tal-art lil Scott kien daqs il-prezz tas-suq, huwa evidenti li ma kien ikun hemm l-ebda ghajjnuna.

### III — Fuq il-portata u fuq il-logicke tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali

19. L-ewwel problema li għandha tiġi ttrattata fil-kuntest ta’ din il-kawża ma tirrigwardax l-aggravji tal-appell proposti mill-Kummissjoni, iżda l-koerenza kompleksiva tas-sentenza li tat il-Qorti Ġenerali.

20. Kif rajna, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni wettqet ċerti żbalji fil-valutazzjoni tal-art mibjugħa mill-awtoritajiet Franċiżi lil Scott: għalhekk dawn l-iżbalji jirrigwardaw l-ammont tal-ghajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk ma jidher li huwa eskluż, abbażi tar-raġunament li għamlet il-Qorti Ġenerali, li valutazzjoni ġdida tal-art tista’ twassal ukoll għall-esklużjoni tal-eżistenza stess ta’ ghajjnuna: fil-fatt jekk

21. Madankollu, wara li saru dawn il-kunsiderazzjonijiet fuq il-valutazzjoni tal-ghajjnuna, il-Qorti Ġenerali *annullat l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni kkontestata*.

22. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni ġie ċċitat iktar ’il fuq. Kif rajna, u kif inhu fuq kollox tipiku f’dan it-tip ta’ deċiżjonijiet fuq l-ghajjnuna mill-Istat, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni jirrigwarda l-ordni tal-irkupru tal-ghajjnuna u tal-metodi li bihom għandu jseħħ dan l-irkupru. Il-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-ghajjnuna mas-suq komuni, kif ukoll il-kwantifikazzjoni tagħha, jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni, li ma ġiex annullat.

23. Għalhekk għandna quddiemna sentenza kemmxejn partikolari. Fiha, wara li għamlet raġunament li logicament għandu jwassal għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni, jekk mhux tad-deċiżjoni kollha, il-Qorti Ġenerali minflok annullat l-Artikolu 2 li fih biss l-ordni tal-irkupru tal-ghajjnuna.

16 — Fil-fatt għandu jiġi osservat li d-Deċiżjoni kkontestata tirrigwarda anki l-ghajjnuna mogħtija fil-forma ta’ tariffa preferenzjali tal-levy tat-trattament tal-ilma. Il-kritika dwar dik il-parti tad-deċiżjoni ġiet madankollu abbandunata mir-rikorrenti matul il-proċedimenti fil-Qorti Ġenerali, wara d-definizzjoni tal-kwistjonijiet fuq il-preskrizzjoni. Ara s-sentenza appellata, punt 31.

24. Ma huwiex ċar għaliex ġara dan<sup>17</sup>, u lanqas ma huwa ċar x'inhuma l-konsegwenzi.

25. Għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet tal-limitazzjoni tal-annullament tal-Artikolu 2 biss tad-Deċiżjoni kkontestata, is-sentenza tindika li t-talba ta' annullament ta' Scott kienet appuntu biex jiġi annullat biss l-Artikolu 2<sup>18</sup>. Għalhekk, jidher li l-loġika li segwiet il-Qorti Ġenerali tista' tinġabar fil-qosor kif ġej: l-iżbalji tad-Deċiżjoni jiġġustifikaw l-annullament totali tagħha; madankollu, intalab biss l-annullament tal-Artikolu 2; konsegwentement għandu jiġi annullat l-Artikolu 2.

26. Iżda, hemm żewġ problemi.

27. L-ewwel nett, l-eżami tal-fajl tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali juri li t-talba ta' annullament ta' Scott kienet tirrigwarda d-Deċiżjoni kkontestata kollha, u mhux

biss l-Artikolu 2 tagħha. L-istess Scott ikkonfermat li t-talba inizjali tagħha kienet għall-annullament tad-Deċiżjoni kollha. Però f'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li Scott ma appellatx is-sentenza tal-Qorti Ġenerali billi evidentement hija sodisfatta biha<sup>19</sup>. Għalhekk, fiħ innifsu, il-fatt li l-Qorti Ġenerali laqgħet biss parzjalment it-talbiet inizjali ta' Scott ma joħloq l-ebda diffikultà, u kien l-oneru ta' Scott li eventwalment tappella b'mod incidental s-sentenza tal-ewwel istanza.

28. It-tieni problema hija però iktar gravi, u tirrigwarda l-konsegwenzi prattiċi tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Kif rajna, din is-sentenza annullat l-Artikolu 2 biss tad-Deċiżjoni kkontestata. L-Artikolu 1, li jiddikjara l-inkompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni u jiddefinixxi d-daqs, baqa' "intatt", billi ma ntmessx mid-dispożittiv tas-sentenza. F'dan il-punt, ma huwiex ċar x'għandha tagħmel il-Kummissjoni biex tikkonforma mas-sentenza appellata. Min-naħa, hija għandha tikkoreġi l-Artikolu 2 annullat mill-Qorti Ġenerali. Iżda f'liema termini tista' tagħmel dan? Abbażi ta' liema informazzjoni? Kif rajna, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ttrattat biss il-kwantifikazzjoni tal-valur tal-art, u għalhekk ta' element li jidher rifless, fid-dispożittiv tad-Deċiżjoni fl-Artikolu 1, u mhux fl-Artikolu 2.

17 — Huwa interessanti li jiġi osservat li, b'ċertu paralleliżmu kurjuż, fis-sentenza l-oħra li tirrigwarda l-istess kwistjoni, li tirrigwarda l-Kawża T-369/00 u mogħtija fl-istess jum tas-sentenza appellata (ara iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 3) *il-Qorti Ġenerali għamlet eżattament l-oppost*. Fil-fatt, kif stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell (ara iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 4), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kollha kkontestata abbażi ta' motiv (żball fil-kalkolu tal-interessi) li kien jiġġustifika biss l-annullament tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, jew ta' parti minnu.

18 — Sentenza appellata, punt 34.

19 — Wieħed ma għandux jinsa wkoll li s-sentenza "parallela" fl-Kawża T-369/00, mogħtija fl-istess jum, kienet annullat id-Deċiżjoni kkontestata kollha. Għaldaqstant, tal-inqas mill-aspett prattiku, Scott kienet kisbet dak kollu li talbet.

29. Għalhekk ninsabu f'dilemma. Issa mill-aspett purament formali, forsi huwa biżżejjed, biex jiġi osservat dak li ġie deċiż fis-sentenza appellata, li l-Kummissjoni taġhti deċiżjoni ġdida, li tikkonsisti biss f'ordni ġdid ta' rkupru indirizzat lill-awtoritajiet Franċiżi. Iżda dak li huwa paradossali hu l-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 2 il-“ġdid” tista' anki tkun identika għall-formulazzjoni li hemm fid-Deċiżjoni kkontesta, billi s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, anki għalkemm annullatu, fir-rigward tal-Artikolu 2 ma indikat l-ebda kriterju ta' modifika. L-uniċi modifiki li għandhom isiru fl-Artikolu 2 il-“ġdid” huma dawk imposti wara r-riżultat tal-kawża parallela (T-369/00 u imbagħad C-295/07 P), fejn, kif rajna, ġie kkritikat il-metodu segwit mill-Kummissjoni biex jiġu ddeterminati l-interessi dovuti meta tiġi rkuprata l-għajna.

30. Għalhekk, biex nirrikapitula, is-suġġett ta' dan l-appell huwa sentenza tal-Qorti Ġenerali li: a) għamlet raġunament fejn ikkritikat parti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni; b) madankollu annullat id-deċiżjoni f'parti differenti minn dik ikkritikata; c) għaldaqstant, probabbilment ma jista' jkollha l-ebda effett prattiku sinjifikattiv; d) iżda ma ġietx appellata fuq dan il-punt speċifiku.

31. Issa, jidhirli li wieħed għandu jistaqsi, jekk sitwazzjoni bħal din għandhiex tiġi aċċettata passivament, meta jiġi kkunsidrat li s-suġġett ta' appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali huwa limitat mill-ilmenti li jissottomettu l-partijiet, jew jekk għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex strumenti li

jippermettulha taffronta l-problema. Fi kliem ieħor, għandu jiġi mistoqsi jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tistax tqajjem *ex officio* żball ta' motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali li turi inkoerenza ċara bejn il-motivazzjoni u d-dispożittiv.

32. Minn dak li jirriżultali, ma jeżistux preċedenti fil-ġurisprudenza li ttrattaw din il-problema speċifika. Fuq kollox, huwa magħruf li s-suġġett li kwistjoni titqajjem *ex officio* mill-qrati tal-Unjoni huwa wieħed delikat ħafna.

33. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja affermat b'mod ġenerali, il-possibbiltà li jistgħu jitqajmu *fi kwalunkwe fażi tal-kawża* żbalji eventwali *ex officio*<sup>20</sup>. Għaldaqstant, ma hemmx dubju fuq il-fatt li żball li jista' jitqajjem *ex officio* jista' jiġi sostnut mill-partijiet u/jew jitqajjem mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba fl-appell, anki jekk ma ġiex ikkunsidrat mill-Qorti Ġenerali.

34. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat il-kompetenza tagħha biex tqajjem *ex officio*, bħala qorti tal-appell ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali, in-nuqqas eventwali ta' interess ġuridiku tal-persuna li tippreżenta

20 — Sentenza tal-20 ta' Frar 1997, Il-Kummissjoni vs Daffix (C-166/95 P, Ġabra p. I-983, punt 25).



l-appell, anki jekk seħħ wara<sup>21</sup>. B'mod iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biex teżamina *ex officio* kull kwistjoni dwar l-ammissibbiltà ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali<sup>22</sup>.

35. Madankollu, dan il-każ ma jaqax f'wieħed miż-żewġ każijiet li ġew indikati. Fil-fatt min-naħa, l-iżball eventwali ma setax jiġi rrilevat mill-Qorti Ġenerali: fil-fatt huwa żball li jirrigwarda s-sentenza tal-Qorti Ġenerali stess. Min-naħa l-oħra, ma jidherx li din hija problema ta' ammissibbiltà tal-appell.

36. Iżda għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx il-possibbiltà li tqajjem *ex officio* żbalji eventwali ta' ordni pubbliku ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali: b'mod partikolari, dan ġara b'referenza għar-regolarità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti tal-Qorti Ġenerali<sup>23</sup>.

37. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet, fir-rigward ta'

dispożizzjonijiet amministrattivi, il-possibbiltà li jitqajmu *ex officio* ċerti żbalji li l-karatteristiċi tagħhom huma, fl-astratt, assimilabbli mal-iżball li, f'dan il-każ, jikkaratterizza s-sentenza appellata. B'mod partikolari nirreferi għall-iżbalji ta' motivazzjoni li jimpedixxu lill-qorti tal-Unjoni milli jeżerċitaw għal kollox l-istħarriġ tagħhom fuq il-legalità ta' att. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija kostanti li n-nuqqas u l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni ta' att jitqajmu *ex officio*: l-obbligu ta' motivazzjoni huwa fil-fatt stabbilit mhux biss fl-interess tad-destinatarij tal-att, iżda anki biex ikun jista' jsir stħarriġ ġudizzjarju tal-istess att<sup>24</sup>. Ovvjament, dan l-istħarriġ ġudizzjarju jippresupponi li l-qorti tinkludi b'mod komplet ir-raġunament li hemm abbażi tal-att kkontestat. Motivazzjoni insuffiċjenti, jekk mhux ukoll assenti, ma tippermettix stħarriġ bħal dan.

38. Iżda anki fil-każ ta' żball li jista' jitqajjem *ex officio*, fuq dan il-punt hemm bżonn li jkun hemm smiġh xieraq fejn il-partijiet ikunu setgħu ħadu pożizzjoni<sup>25</sup>. F'dan il-każ, il-partijiet kellhom okkażjoni li jtkellmu fuq il-problema tal-inkoerenza apparenti bejn il-motivazzjoni u d-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali kemm bil-miktub, abbażi

21 — Sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, (C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 13) u tat-3 ta' Settembru 2009, Moser Baer India vs Il-Kunsill (C-535/06 P, Ġabra p. I-7051, punt 24). Tista' tiġi interpretata f'dan is-sens ukoll is-sentenza tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer (C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punt 46).

22 — Sentenza tat-28 ta' Frar 2008, Neirinck vs Il-Kummissjoni (C-17/07 P, Ġabra p. I-36 punt 38).

23 — Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost vs UFEX *et* (kawżi magħquda C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra p. I-4777, punti 46 sa 49).

24 — Dan ir-raġunament jidher diġà fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 1959, Nold vs L-Awtorità Għolja (18/57, Ġabra p. 87). Ara, iktar reċentement, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Daffix, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20 (punt 24), tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 67) u tat-30 ta' Marzu 2000, VBA vs Florimex *et* (C-265/97 P, Ġabra p. I-2061, punt 114).

25 — Sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-89/08 P, Ġabra p. I-11245, punti 54 sa 57) u tas-17 ta' Diċembru 2009, Riežāni M vs EMEA (C-197/09 RX u C-197/09 RX-II, Ġabra p. I-12033, punt 57).

ta' talba speċifika f'dan is-sens mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll oralment fis-seduta.

39. Però, sa fejn naf jien, sa issa qatt ma kien hemm sitwazzjonijiet fejn il-Qorti qajmet *ex officio* l-eżistenza ta' żball ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Għalhekk wieħed jistaqsi jekk dan huwiex possibbli.

40. Huwa ċar li jekk bi żball ta' motivazzjoni wieħed ifisser kull żball ta' liġi magħmul mill-Qorti Ġenerali, ir-risposta għandha tkun negattiva. Ġeneralment hija l-parti li titlef li għandha tassumi l-oneru li tappella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fuq kollox dan huwa dak li jiġri anki fir-rigward ta' atti amministrattivi: hija l-persuna li għandha interess li għandha tappella l-att billi tindika l-aggravji li jistgħu jwasslu lill-qorti tal-Unjoni li tannullaha.

41. Iżda f'dan il-każ, ma aħniex fil-preżenza ta' żball kwalunkwe. Dak li wettqet il-Qorti Ġenerali huwa żball tad-dritt li l-portata tiegħu fil-fatt timpedixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli teżerċita bis-sħiħ l-istħarriġ fuq is-sentenza, billi d-dispożittiv tagħha ma jirriflettix il-motivazzjoni li tippreċedih. Fil-fehma tiegħi, f'din is-sitwazzjoni l-Qorti tal-Ġustizzja hija awtorizzata tuża l-istess approċċ li hija ssegwi fir-rigward tal-atti amministrattivi, meta tannulla *ex officio* sentenza appellata li l-motivazzjoni tagħha ma tippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha.

42. L-oġġezzjoni naturali li tista' ssir għal din il-proposta tikkonsisti fil-fatt li, b'mod ġenerali, il-proċess quddiem il-qrati tal-Unjoni huwa kkaratterizzat mill-prinċipju li l-oġġett speċifiku ta' kawża huwa ddeterminat mit-talbiet tal-partijiet. Madankollu, f'dan il-każ speċifiku, għal din l-oġġezzjoni hemm żewġ kunsiderazzjonijiet li jistgħu jsiru.

43. L-ewwel nett, f'ċerti okkażjonijiet il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-uniku limitu għall-poter li jiġġudikaw li huwa rikonoxxut lill-qrati tal-Unjoni huwa kkonstitwit mis-suġġett tat-talbiet tal-partijiet, u mhux mill-argumenti tagħhom<sup>26</sup>. F'dan il-każ, ma hemmx dubju fuq il-fatt li l-Kummissjoni qed titlob l-annullament tas-sentenza appellata.

44. Fit-tieni lok, majdhirlix li hemm raġunijiet biex wieħed jiddistingwi l-approċċ li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' ssegwi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali minn dak li hija tadotta, b'mod kostanti u sa mill-bidu tal-eżistenza tagħha, għall-atti amministrattivi. Anki fir-rigward tagħhom, b'mod ġenerali, hemm il-prinċipju li l-qorti tal-Unjoni tista' tannulla biss fil-limiti li att ikun ġie appellat quddiemha, bl-indikazzjoni tal-motivi li jaġhmluh illegali. Madankollu l-ġurisprudenza tgħid li ċerti żbalji jistgħu jitqajmu *ex officio* (naturalment bil-kundizzjoni li rikors jiġi ppreżentat, billi ma jeżistux strumenti alternattivi biex jinbeda proċediment ġudizzjarju quddiem il-qrati tal-Unjoni).

26 — Sentenza tad-19 ta' Novembru 1998, Il-Parlament vs Gutiérrez de Quijano y Lloréns (C-252/96 P, Ġabra p. I-7421, punti 29 sa 34) u d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Settembru 2004, UER vs M6 *et* (C-470/02, punt 69) u tat-13 ta' Ġunju 2006, Mancini vs Il-Kummissjoni (C-172/05 P, Ġabra p. I-77, punt 41).

45. Għaldaqstant, biex nikkonkludi din il-parti introduttiva tal-konklużjonijiet tiegħi nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqajjem *ex officio*, jekk ikollha appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali, żball ta' motivazzjoni li ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita bis-siġh l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fuq is-sentenza appellata<sup>27</sup>. Għalhekk, f'dan il-każ inkwistjoni, jiena tal-opinjoni li s-sentenza għandha tiġi annullata anki abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

46. Premess dan, issa ser neżamina l-aggravji tal-appell proposti mill-Kummissjoni.

#### IV — Fuq l-appell tal-Kummissjoni

47. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tressaq mhux inqas minn ħmistax-il aggravju, li fil-verità, ħafna minnhom huma ripetittivi, jew tal-inqas simili ħafna għal xulxin. Għall-iskop tal-eżami, sejjer naqsam l-aggravji f'żewġ gruppi prinċipali: fl-ewwel grupp ser niddiskuti dawk dwar ir-rwol tal-benefiċjarju tal-għajnuna, u fit-tieni grupp dawk dwar l-istħarriġ li tagħmel il-Qorti Ġenerali fuq il-kwantifikazzjoni tal-għajnuna li hemm fid-Deċiżjoni kkontestata.

27 — Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi tal-15 ta' Settembru 2009 għall-kawża Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, li għadha pendenti (C-362/08 P, partikolarment il-punt 90 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 23).

#### A — L-aggravji dwar ir-rwol tal-benefiċjarju tal-għajnuna

##### 1. Il-kunsiderazzjonijiet introduttivi

48. L-ewwel erba' aggravji tal-Kummissjoni jirrigwardaw il-problema tar-rwol li għandu jiġi rrikonoxxut lill-benefiċjarju tal-għajnuna stess, fil-kuntest tal-proċeduri ta' stħarriġ fuq l-għajnuna mill-Istat.

49. Kif osservajt iktar 'il fuq, ma huwiex ċar, fil-kuntest tas-sentenza appellata, liema hija l-funzjoni li tiżvolġi l-parti fir-rigward tar-rwol tal-benefiċjarju. Jiena konvint li konkretament, l-affermazzjonijiet li għamlet il-Qorti Ġenerali għandhom jiġu deskritti, fir-rigward tal-konklużjonijiet li dik il-qorti waslet għalihom, bħala sempliċi *obiter dicta*. Fil-fatt, l-annullament mogħti mill-Qorti Ġenerali huwa bbażat, konkretament, fuq żbalji li wettqet il-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-art mibjugħa lil Scott mill-awtoritajiet Franċiżi. Barra minn hekk, l-elementi essenzjali li hemm fl-ittra ta' Scott li ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni reġgħu ssemew mill-Gvern Franċiż u ddaħlu fil-fajl<sup>28</sup>.

50. Għaldaqstant, l-aggravji li jirreferu għar-rwol tal-benefiċjarju għandhom jiġu ddikjarati mhux operattivi.

28 — Sentenza appellata, punt 128.

51. Fi kwalunkwe każ, kemm fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' dan l-approċċ, kif ukoll fil-każ fejn għalkemm taqbel miegħu, tixtieq xorta waħda tipprovdi ċerta informazzjoni fuq is-suġġett, issa ser nagħmel xi osservazzjonijiet fuq dan il-punt.

2. B'mod ġenerali, fuq ir-rwol tal-benefiċjarju tal-ġhajjnuna mill-Istat

52. Il-problema tar-rwol li għandu jiġi rikonnoxxut lill-benefiċjarju tal-ġhajjnuna mill-Istat hija kumplessa u kontroversjali. Dwar dan is-suġġett, kontra ġurisprudenza pjuttost stabbilita u rigoruża tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja inqas ċara li hija kkaratterizzata minn oxxillazzjonijiet u inċertezzi. In-natura unika tas-sitwazzjoni forsi tispjega, fis-sentenza appellata, l-insistenza tal-Qorti Ġenerali fuq dan il-punt. Huwa possibbli li l-qorti tal-ewwel istanza qed titlob impliċitament lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkunsidra mill-ġdid il-ġurisprudenza tagħha fuq is-suġġett. Jiena tal-opinjoni li ma għandux jiġi eskluż li fil-futur il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha terġa' lura fuq id-deċiżjonijiet tagħha dwar ir-rwol tal-benefiċjarju tal-ġhajjnuna. Iżda ma jidherliex, għar-raġunijiet li ser nipprova nispijega iktar 'il quddiem, li din il-kawża hija l-okkażjoni xierqa biex dan isir.

53. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'mod stabbilit tfakkar li l-proċedura għall-istħarriġ tal-ġhajjnuna mill-Istat isseħħ

essenzjalment bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, mingħajr ma jiġi rrikonoxxut l-ebda rwol partikolari lill-benefiċjarju tal-ġhajjnuna<sup>29</sup>. L-Istat Membru għandu dritt veru u proprju għall-smigħ xieraq fil-kuntest ta' proċedura bħal din, u l-ksur tiegħu jista' jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, sakemm jiġi stabbilit li, fin-nuqqas ta' dik l-irregolarità, il-proċediment seta' jiġi konkluż b'riżultat differenti<sup>30</sup>.

54. Iżda r-rwol tal-benefiċjarji tal-ġhajjnuna huwa differenti. Ir-Regolament Nru 659/1999, li sostanzjalment ikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq is-suġġett<sup>31</sup>, fl-Artikolu 1 tiegħu, huwa limitat li jpoġġi lill-benefiċjarju tal-ġhajjnuna fil-kategorija ġenerali tal-"partijiet interessati", li jistgħu jissottomettu, skont l-Artikolu 6 (1), il-kummenti tagħha wara d-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, f'terminu li normalment ma jaqbiżx xahar. Għalhekk fir-rigward tal-benefiċjarju tal-ġhajjnuna, ma huwa previst l-ebda dritt ulterjuri għas-smigħ xieraq jew għall-parteċipazzjoni fil-proċedura mmexxija mill-Kummissjoni.

29 — Sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. 1-7869, punti 81 sa 83) u tas-6 ta' Ottubru 2005, Scott vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 (punt 33). Ara wkoll il-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Jacobs f'din l-aħħar kawża (punti 67 sa 69).

30 — Sentenzi tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-234/84, Ġabra p. 2263, punti 27 sa 29) u tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni (C-301/87, Ġabra p. 1-307, punti 29 u 30).

31 — Ara, b'mod partikolari t-tieni premessa tar-Regolament.

55. Ma hemmx dubju fuq il-fatt li din il-pożizzjoni ġenerali hija kkaratterizzata minn formaliżmu qawwi, li ġibdet kritika konsiderevoli fid-duttrina. B'mod partikolari, jidher li huwa sfurzat u mhux dejjem realistiku li wieħed jippresupponi, hekk kif jidher li huwa impliċitu f'din l-interpretazzjoni tal-proċedura fuq is-suġġett ta' għajjnuna mill-Istat, li l-interess tal-Istat li ta l-għajjnuna u dak tal-persuna li rċevietha jikkoinċidu. Min-naħa huwa ċar li s-sitwazzjoni ma tistax tintfiehmem bl-istess mod mill-Istat, li l-iktar li jista' jiġi kkundannat huwa li jieħu lura l-għajjnuna li ħallas, u minn impriża li tista' tfalli wkoll, fil-każ ta' restituzzjoni tal-għajjnuna. Barra minn hekk, l-għajjnuna tista' tingħata mhux mill-Gvern nazzjonali tal-Istat, iżda minn estensjoni reġjunali jew periferika tiegħu: f'dan il-każ, ma jistax jingħad li l-Gvern ċentrali, li waħdu pparteċipa fil-proċedura, għandu interess li jikkoinċidi ma' dak tal-entità lokali.

56. Proprju minħabba l-limiti ta' din il-ġurisprudenza rigoruża l-Qorti Ġenerali f'diversiokkażjonijiet ippruvat testendil-ħarsien rikonoxxut lill-benefiċjarji tal-għajjnuna. Dan seħħ, pereżempju, billi saret enfasi fuq id-dmir li tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt li jingħata smiġh xieraq li huwa rikonoxxut lill-benefiċjarju tal-għajjnuna (l-istess bħal lil daww kollha interessati) mir-Regolament 659/99<sup>32</sup>, jew ukoll li lill-benefiċjarju jiġi rikonoxxut

32 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Frar 2006, Le Levant 001 *et vs* Il-Kummissjoni (T-34/02, Ġabra p. II-267, punti 91 sa 96) u d-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2002, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (T-198/01 R, Ġabra p. II-2153, punt 85). Għandu jiġi osservat ukoll li, fis-sentenza kkonċernata dwar din it-tieni kawża, il-Qorti Ġenerali segwiet b'mod iktar ortodoss il-ġurisprudenza klassika: ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (T-198/01, Ġabra p. II-2717, punti 191 sa 195).

id-dritt li jsostni l-iżball li jikkonsisti fin-nuqqas ta' smiġh, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Istat Membru kkonċernat<sup>33</sup>.

57. Għalhekk is-sentenza appellata tidħol f'din ix-xejra "progressiva" tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali.

58. Jien konvint li, fir-rigward tal-problema tar-rwol li għandu jiġi rrikonoxxut lill-benefiċjarji tal-għajjnuna, huwa possibbli u forsi anki doveruż li tiġi evitata dikotomija fejn, huma opposti kontra xulxin mingħajr possibbiltà ta' sintesi żewġ pożizzjonijiet radikalment kuntrarji, waħda tiġhad kull rwol lill-benefiċjarju tal-għajjnuna u oħra li tpoġġih fuq l-istess livell tal-Istat Membru kkonċernat.

59. B'mod partikolari, jiena tal-opinjoni li għandu jinstab punt ta' bilanċ bejn id-diversi pożizzjonijiet, billi wieħed jirrikorri għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

60. Dan il-prinċipju, kif inhu magħruf sew, għandu l-oriġini tiegħu fil-ġurisprudenza, u kien

33 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, Westdeutsche Landesbank Girozentrale vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-228/99 u T-233/99, Ġabra p. II-435, punti 131 sa 143). F'dik l-okkażjoni l-Qorti Ġenerali ddeskriviet l-obbligu li jinstema' l-Istat ikkonċernat bħala forma sostanzjali, li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jista' jitqajjem *ex officio*.

biss reċentement li sab tip ta' "konsolidament" fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għalkemm l-elementi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jibqgħu sa ċertu punt inċerti, m'hemmx dubju li dan għandu jiġi kkunsidrat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni<sup>34</sup>.

61. B'mod partikolari, dan il-prinċipju jista' jiġi identifikat, indipendentement mill-fatt jekk jiġix iċċitat jew le b'mod espliċitu, abbażi ta' diversi deċiżjonijiet fil-ġurisprudenza. Pereżempju, qed naħseb fil-każijiet fejn l-amministrazzjoni tkun obligata teżamina anki *ex officio*, sabiex tagħmel eżami "diliġenti u imparzjali" ta' rapport, ċerti elementi li ma ssemmwex espressament minn min għamel ir-rapport<sup>35</sup>; fil-każijiet fejn ġie stabbilit l-obbligu li tinstema' l-persuna kkonċernata minn provvedimenti sfavorevoli, anki jekk dak id-dritt li hija tinstema' ma kienx previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli<sup>36</sup>; fil-każijiet fl-aħħar nett fejn ġie affermat id-dmir tal-Kummissjoni li tikkunsidra b'mod diliġenti l-elementi kollha li ngħatawliha fil-kuntest ta' proċedura<sup>37</sup>.

34 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs max.mobil (C-141/02 P, Ġabra p. I-1283, punt 72). Ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini vs Il-Kummissjoni (179/82, Ġabra p. 3083, punt 27) u tal-31 ta' Marzu 1992, Burban vs Il-Parlament (C-255/90 P, Ġabra p. I-2253).

35 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, (iċċitata iktar 'il fuq, punt 62).

36 — Sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München (C-269/90 P, Ġabra p. I-5469, punti 23 sa 25).

37 — Sentenza tat-22 ta' Ottubru 1991, Nölle (C-16/90, Ġabra p. I-5163, punti 13 u 30 sa 32).

62. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, min-naħa tagħha, tirreferi, bħala kontenut essenzjali tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, għad-dritt ta' kull individwu li jinstema' qabel ma jiġi adottat provvedimento fil-konfront tiegħu li jippreġudikah, għad-dritt li jaċċedi għall-atti, u għall-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet. Din hija lista mhux tassattiva, li n-natura miftuħa tagħha tidher fil-formulazzjoni "[d]an id-dritt jinkludi [b'mod partikolari]"<sup>38</sup>.

63. Jiena tal-opinjoni li fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, għalkemm ma jimponix li jiġi rrikonoxxut fil-konfront tal-benefiċjarju ta' għajnuna l-istatus formali ta' parti fil-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna, jimpedixxi fl-istess ħin lill-Kummissjoni milli tiċħad b'mod riġidu u mingħajr eċċezzjoni kull element ipprovdut mill-benefiċjarju stess, jekk ikun wasal wara l-iskadenza tat-terminu mogħti lill-persuni kkonċernati biex jippreżentaw osservazzjonijiet.

64. Fil-fatt wieħed ma għandux jinsa li l-proċedura għall-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat għandha natura amministrattiva, u mhux ġudizzjarja; barra minn hekk, ir-rwol tal-benefiċjarju, f'proċedura bħal din, huwa essenzjalment dak ta' sors ta' informazzjoni għall-Kummissjoni. Għalhekk, filwaqt li l-osservazzjonijiet mibgħuta mill-benefiċjarju fit-terminu inizjali impost fuq għandhom jiġu aċċettati u kkunsidrati mill-Kummissjoni,

38 — Il-korsiv miżjud minni.

osservazzjonijiet eventwali pprovduti suċċessivament mill-benefiċjarju jew minn xi persuna oħra, jistgħu jkunus-suġġett ta' obbligu ta' eżami min-naħa tal-amministrazzjoni, jekk il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jkun jeħtieġ hekk. B'mod partikolari dan jiġri meta l-informazzjoni inkwistjoni tkun effettivament utli għall-amministrazzjoni biex din tal-aħħar ikollha tagħrif ċar u komplet, u bil-kundizzjoni li l-istat tal-proċedura amministrattiva jippermetti wkoll li jiġu kkunsidrati mingħajr ma jkun hemm dewmien fl-adozzjoni tad-deċiżjoni finali.

65. Madankollu, ma hemmx obbligu għall-amministrazzjoni li tiddeċiedi b'mod espliċitu fuq l-osservazzjonijiet mogħtija mill-benefiċjarju (jew minn kwalunkwe persuna oħra) lil hinn mit-terminu inizjali. Għalhekk il-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament tindika r-raġunijiet għaliex għandha tiddeċiedi li ma tikkunsidrax dawk l-elementi.

66. B'koerenza ma' dawn l-osservazzjonijiet, anki mil-lat tal-ħarsien ġudizzjarju jeħtieġ li ssir preċiżazzjoni importanti: huwa min ipprova l-informazzjoni li, eventwalment, għandu l-oneru li juri li dawn kellhom jiġu kkunsidrati min-naħa tal-amministrazzjoni.

67. Premess dan kollu, fl-aħħar nett wieħed jista' jgħaddi għall-eżami dettaljat tal-aggravji tal-appell.

3. Fuq l-ewwel aggravju, dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li ddaħħal fil-fajl l-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999

a) L-argumenti tal-partijiet

68. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball tad-dritt meta sostniet li l-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999 kellha tiġi aċċettata u mdaħħla fil-fajl amministrattiv. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma indikatx ir-regola legali li nkisret. Huwa biss ksur tal-forom sostanzjali skont l-Artikolu 230 KE li seta' jwassal għal annullament, iżda ksur bħal dan ma ġiex ikkontestat fir-rikors ta' Scott, u b'hekk il-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita*. Barra minn dan, u fuq kollox, il-Kummissjoni ma kisret l-ebda forma sostanzjali, billi Scott kienet persuna terza fir-rigward tal-proċedura ta' stħarriġ tal-ghajjnuna mill-Istat, u ma kellha l-ebda dritt li tippreżenta osservazzjonijiet f'dik il-fażi avvanzata tal-proċedura. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li, fi kwalunkwe każ, l-osservazzjonijiet proposti minn Scott fl-ittra rrifjutata saru proprju minn Franza fl-ittra suċċessiva tagħha tal-21 ta' Frar 2000, u bħala tali ġew imdaħħlin biex jagħmlu parti mill-fajl.

69. Il-Kummissjoni tosserva li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali jista' jkollha implikazzjonijiet gravi fuq il-prattika osservata dejjem fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat.

70. Scott issostni li l-Qorti Ġenerali ma stabbiliet l-ebda obbligu ġenerali għall-Kummissjoni, u għamlet sensiela ta' kunsiderazzjonijiet marbuta mill-qrib mal-każ inkwistjoni u mal-partikolaritajiet tiegħu. Il-fatt li r-Regolament Nru 659/99 ma jistabbilixxi rwol għall-benefiċjarju tal-ġhajnuna lil hinn mill-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet fil-bidu tal-proċediment amministrattiv ma jfissirx, kif min-naħa l-oħra ssostni l-Kummissjoni, li kull intervent suċċessiv tal-benefiċjarju huwa pprojbit. B'mod partikolari, ir-regolament ma jstax jimpedixxi l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali li jimponu fuq il-Kummissjoni li taġixxi b'diliġenza u imparzjalità.

71. Id-Département du Loiret essenzjalment ressaq argumenti simili għal dawk ta' Scott.

b) Il-kunsiderazzjonijiet

72. L-ewwel aggravju tal-appell huwa dak li l-Kummissjoni ddedikat l-iktar attenzjoni għalih billi kkonċentrat fuqu parti konsistenti tal-osservazzjonijiet tagħha. Huwa evidenti li l-Kummissjoni fi ħsiebha topponi l-konferma, min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li hija iktar favorevoli għat-tisħiħ tar-rwol tal-benefiċjarju fil-kuntest tal-proċedura għall-istħarriġ tal-ġhajnuna mill-Istat.

73. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li għamilt iktar 'il fuq, fir-rigward tar-rwol tal-benefiċjarju iġġenerali, jista' jingħad li, fil-każ li l-benefiċjarju stess jibgħat lill-Kummissjoni ċerti dokumenti wara l-iskadenza tat-terminu li nġghatlu għall-preżentazzjoni tal-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata, abbażi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li tikkunsidra l-kontenut tad-dokumenti ċċitati. Iżda dan, bil-kundizzjoni li i) dawn ikunu effettivament utli biex jimlew lakuni eventwali fl-għarfien tal-fatti min-naħa tal-Kummissjoni stess, u li ii) ikun permess fil-fażi li tkun waslet il-proċedura. Iżda huwa meħtieġ li effettivament tkun intweriet l-utilità tad-dokumenti inkwistjoni.

74. Madankollu, din ma hijiex il-loġika li segwiet il-Qorti Ġenerali.

75. Il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett ifformulat b'mod impliċitu l-kwistjoni, b'mod korrett, mhux f'termini ta' ksor ta' forma sostanzjali, kif issostni l-Kummissjoni, iżda f'termini ta' osservanza tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba<sup>39</sup>. Madankollu, wara li saret din il-premessa, il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika jekk, konkretament, il-kontenut tal-ittra kellux jew le elementi deċiżivi biex jiġu ċċarati ċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari. Fil-każ ta' risposta affermattiva għal din id-domanda, seta' ġie affermat id-dover tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-informazzjoni pprovduta. Il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tikkunsidra b'mod ġenerali ċ-ċirkustanzi tal-każ, billi

39 — Ara s-sentenza appellata, punt 56.



osservat li dawn kienu jirrendu l-aċċertament tal-fatti diffiċli, partikolarment minħabba ż-żmien twil li għadda bejn l-għoti preżunt tal-għajjnuna u l-proċedura quddiem il-Kummissjoni. Abbażi ta' din il-konstatazzjoni ġenerali, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ittra ta' Scott kellha tiġi aċċettata mill-Kummissjoni u mdaħħla fil-fajl.

76. Jiena tal-opinjoni li ma jistax ikun hemm qbil fuq dan ir-raġunament. Kif rajna u kif ġie affermat ukoll mill-Qorti Ġenerali, għalkemm il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jista' jobbliga, f'ċerti każijiet, lill-Kummissjoni li tikkunsidra dokumenti ppreżenti wara t-terminu u/jew minn persuni li m'għandhomx awtorità jagħmlu dan, dan jippresupponi l-aċċertament minn qabel tal-utilità effettiva tal-informazzjoni li hemm f'dawk id-dokumenti. Fil-parti tas-sentenza li ttrattat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma taċċettax l-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999, il-Qorti Ġenerali madankollu lanqas biss ikkunsidrat il-kontenut tal-ittra.

77. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appell tal-Kummissjoni għandu jiġi milqugħ sa fejn isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta affermat id-dmir tal-Kummissjoni li taċċetta u ddaħħal fil-proċess l-ittra mibgħuta minn Scott fl-24 ta' Diċembru 1999.

4. Fuq it-tieni, fuq it-tielet u fuq ir-raba' aggravju, dwar l-obbligu preżunt tal-Kummissjoni li titlob iktar informazzjoni u/jew li tirrikorri għal espert estern

78. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju jistgħu jiġu ttrattati flimkien. Fihom, il-Kummissjoni tikkontesta l-affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li hija kellha, minħabba ċerti elementi li hemm b'mod partikolari fl-ittra ta' Scott tal-24 ta' Diċembru 1999 u f'dik suċċessiva tal-awtoritajiet Franċiżi tal-21 ta' Frar 2000, tidħol iktar fil-fond fl-analiżi tagħha u tikseb iktar informazzjoni.

a) L-argumenti tal-partijiet

79. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika l-affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li hija kellha titlob lill-awtoritajiet Franċiżi jipprovdu iktar informazzjoni u preċiżazzjonijiet wara li l-istess awtoritajiet, fuq kollox bħal Scott fl-ittra tagħha tal-24 ta' Diċembru 1999, kienu semmew l-eżistenza ta' żewġ valutazzjonijiet, waħda li kien hemm f'perizja tal-uffiċċju tekniku Galtier u l-oħra magħmula mill-Kummissarju tal-valutazzjonijiet, li kienu indikaw valur tal-art kkontestata li kien inqas mill-istima tal-Kummissjoni<sup>40</sup>.

40 — Ara s-sentenza appellata, punt 128.

80. Iżda fit-tielet aggravju ġiet ikkontestata l-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kellha titlob lil Scott kjarifiki fuq id-differenza bejn l-ispiża prevista (FRF 80 miljun) u dik reali (FRF 140 miljun) tax-xogħlijiet li saru fuq l-art inkwistjoni, f'isem l-awtoritajiet pubbliċi, qabel it-trasferiment tagħha lil Scott. Din id-diskrepanza, skont il-Qorti Ġenerali kellha ddaħħal is-suspett fil-Kummissjoni li l-ispejjeż sostnuti mill-awtoritajiet pubbliċi biex iħejju l-art ma kinux neċessarjament jirriflettu l-valur tagħha<sup>41</sup>.

81. Fl-aħħar nett, bir-raba' aggravju l-Kummissjoni tikkontesta l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-possibbiltà tal-Kummissjoni stess li tirrikorri, biex tiddetermina b'mod korrett il-valur tal-art, għal espert estern.

82. Anki dawn l-aggravji tal-appell huma bbażati fuq il-premessa li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda obbligu, mil-lat proċedurali, li titlob iktar informazzjoni, partikolarment mill-awtoritajiet Franċiżi, li kienet diġà talbithom, fost l-oħrajn, li jipprovdu l-informazzjoni utli kollha biex jiġi ddeterminat il-valur tal-art<sup>42</sup>. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, fid-deċiżjoni kontestata, kienu ġew ikkunsidrati

l-valutazzjonijiet li tirreferi għalihom il-Qorti Ġenerali.

83. Scott, min-naħa tagħha, issostni li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li l-Kummissjoni wettqet ksur ta' forma sostanzjali u għalhekk l-aggravji għandhom jiġu miċħuda anki għal din ir-raġuni biss. Fi kwalunkwe każ, skont Scott, il-Qorti Ġenerali kienet eżaminat b'mod korrett is-sitwazzjoni, billi ċerti kunsiderazzjonijiet li kien hemm fl-ittra tal-24 ta' Diċembru 1999, li, madankollu, ma kinux riprodotti għal kollox fl-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-21 ta' Frar ta' wara, kellhom iġiegħlu lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-valutazzjonijiet tagħha u titlob dokumenti ġodda.

#### b) Il-kunsiderazzjonijiet

84. It-tieni aggravju huwa relatat mill-qrib mal-ewwel wieħed, u jien tal-opinjoni li anki dan għandu jintlaqa'.

85. Fil-verità għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni anki hawnhekk, kif rajna, titlaq minn premessa żbaljata, jiġifieri dik li l-Qorti Ġenerali kkritikat ksur ta' forom sostanzjali. Fir-realtà diġà ġie nnotat kif l-uniku parametru li jidher li kien ir-referenza tal-qorti tal-ewwel istanza huwa l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

41 — Ara s-sentenza appellata, punt 121.

42 — Ara s-sentenza appellata, punt 154.

86. Barra minn hekk, l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni li hija kkunsidrat, fid-deċiżjoni tagħha, valutazzjonijiet indikati fl-ittri ta' Diċembru 1999 u ta' Frar 2000 għandhom bażi pjuttost fraġli. Fil-fatt fid-deċiżjoni hemm biss aċċenn ta' malajr u mhux argumentat b'xi mod partikolari.

87. Madankollu, il-punt huwa ieħor. Kemm l-ittra ta' Scott kif ukoll dik tal-awtoritajiet Franċiżi li daħlu f'fażi avanzata ħafna tal-proċedura, kienu limitati li jjiċitaw l-eżistenza ta' valutazzjonijiet (dik tal-awtorità fiskali, dik tal-uffiċċju Galtier, dik tal-Kummissarju tal-valutazzjonijiet) li kienu indikaw valur tal-art iktar baxx fir-rigward ta' dak li l-Kummissjoni dehrilha li setgħet tasal għalih abbażi tal-provi fil-pussess tagħha. Ma ġie anness l-ebda dokument ieħor, u ġiet iddikjarata biss id-disponibbiltà, jekk meħtieġ, li l-Kummissjoni tingħata l-valutazzjonijiet inkwistjoni.

88. Jiena ma iniex tal-opinjoni, abbażi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li l-Kummissjoni kienet obligata, f'dak l-istadju tal-proċedura, li titlob lill-awtoritajiet Franċiżi jipprovdu iktar dokumenti u dettalji. Fil-fatt għandu jitfakkar li l-Kummissjoni kienet indirizzat diġà lill-awtoritajiet inkwistjoni żewġ talbiet sabiex jiġu pprovvuti d-dokumenti, waħda minnhom ifformulata b'mod wiesa'

ħafna<sup>43</sup>. F'dik l-okkażjoni, l-elementi li hemm referenza għalihom fl-ittri ta' Diċembru 1999 ma kinux ġew ipprovvuti.

89. Bl-istess mod, u abbażi tal-istess tip ta' kunsiderazzjonijiet, ma jistax jiġi deċiż li l-Kummissjoni kellha obbligu li tikkunsidra l-kontenut tal-ittra mibgħuta minn Scott f'Diċembru 1999. Li jiġi ammess obbligu bħal dan johlq il-perikolu li l-Kummissjoni tispiċċa potenzjalment priġuniera ta' tattji dilatorji. Li kieku l-ittra ġiet akkumpanjata, pereżempju, mit-test sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-art imsemmija fiha, il-ġudizzju jista' forsi jkun differenti. Iżda jiena tal-opinjoni li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma jistax jiġġebbed sal-punt li l-Kummissjoni tiġi mġiegħla tirrimedja, mingħajr limitu ta' żmien, il-lakuni li hemm fl-osservazzjonijiet u fid-dokumenti li nbagħtulha.

90. Imbagħad, għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju, japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet li għamilt fir-rigward tat-tieni wieħed. Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda obbligu li titlob lil Scott iktar informazzjoni. Fuq kollox ma nistax nifhem għal liema raġuni kellha titlob lil Scott kjarifka fuq kif kienu ser jitħallsu l-ispejjeż previsti għax-xogħlijiet fuq l-art, meta jiġi kkunsidrat li dawn l-ispejjeż ħallsuhom l-awtoritajiet Franċiżi.

43 — Ara s-sentenza appellata, punti 152 u 154.

91. Għaldaqstant inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha titlob lill-awtoritajiet Franċiżi u/jew lil Scott li jipprovdu iktar informazzjoni dwar il-valur tal-art. Għalhekk it-tieni u t-tielet aggravji għandhom jiġu milqugħa.

B — *L-aggravji dwar l-istħarriġ fuq il-mertu magħmul mill-Qorti Ġenerali*

1. Fuq is-sitt aggravju li l-Qorti Ġenerali ħadhet lill-Kummissjoni kull marġni ta' diskrezzjoni

92. Iżda jiena tal-opinjoni li r-raba' aggravju dwar l-obbligu preżunt għall-Kummissjoni li tirrikorri għal esperti estern, ma jistax jintlaqa'.

95. Is-sitt aggravju jwassalna fil-qalba tat-tieni problema fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tqajjem fil-kuntest ta' dan l-appell. Din hija l-problema dwar it-tip ta' stħarriġ li l-qorti tal-Unjoni tista' teżerċita fuq id-deċiżjonijiet li tiegħu l-Kummissjoni fir-rigward ta' għajjnuna mill-Istat.

93. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali fl-ebda punt tas-sentenza appellata ma affermat li l-Kummissjoni kellha tirrikorri għas-servizzi ta' esperti estern. Il-Qorti Ġenerali sempliċement fakkret l-eżistenza ta' dik il-possibbiltà fost l-istrumenti li l-Kummissjoni setgħet tirrikorri għalihom biex tikseb iktar informazzjoni.

a) L-argumenti tal-partijiet

94. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

96. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta għamlet, fid-Deċiżjoni kkontestata, stħarriġ ferm iktar intensiv u fil-fond minn dak li setgħet tagħmel legalment. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ħadet post il-Kummissjoni u neħħitilha l-marġni ta' diskrezzjoni li għandu jiġi rrikonossut fil-konfront tagħha fuq is-suġġett. Il-qorti tal-Unjoni għandha tagħmel, fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar għajjnuna mill-Istat, stħarriġ limitat tal-iżbalji indikati fl-Artikolu 230 KE. Barra minn dan, dik il-qorti qatt ma kollha f'idejha l-elementi kollha (dokumenti, eċċ) li ġew użati mill-Kummissjoni biex tadotta d-deċiżjoni tagħha: għaldaqstant, anki mill-aspett prattiku jkun

impossibbli, għall-qorti, li tissostitwixxi l-evalwazzjonijiet tagħha ma' dawk li tagħmel il-Kummissjoni.

Għaldaqstant, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni huwa fil-prinċipju komplet għal dak li jirrigwarda n-natura ta' għajnuna tal-miżuri eżaminati<sup>44</sup>.

97. Skont Scott, l-aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali ma ssostitwiet l-evalwazzjonijiet tagħha b'dawk tal-Kummissjoni, iżda indikat b'mod ċar, b'mod partikolari fil-punt 100 tas-sentenza appellata, li l-għan tagħha kien biss li jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx evalwat l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tagħha bid-diliġenza meħtieġa.

101. Iżda l-Kummissjoni hija rikonoxxuta li għandha marġni ta' diskrezzjoni usa' f'żewġ sitwazzjonijiet. Fl-ewwel lok, biex tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni skont l-Artikolu 87 (3) KE. F'dawn il-każijiet, l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat biex jiġi vverifikat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tkunx viżjata bi żball manifest jew b'użu ħażin ta' poter<sup>45</sup>.

98. Argomenti analogi għal dawk ta' Scott tressqu mid-Département du Loiret.

#### b) Il-kunsiderazzjonijiet

99. L-aggravju jirrigwarda l-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat. Il-ġurisprudenza fuq is-suġġett stabbiliet ċerti punti sodi li għandhom jiġu mfakkra.

100. L-ewwel nett, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat għandu natura legali, u għandu jiġi interpretat abbażi ta' elementi oġġettivi.

102. Huwa mbagħad rikonoxxut li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni iktar wiesa', anki fir-rigward tal-eżistenza tal-għajnuna (u għalhekk f'sitwazzjoni li twassal għall-Artikolu 87 (1) KE, meta d-deċiżjoni meħuda tkun hteġet evalwazzjoni kumplessa, ta' tip tekniku jew ekonomiku. F'dawn il-każijiet, l-istħarriġ tal-qorti huwa ġeneralment limitat, minbarra għall-verifika tal-eżistenza eventwali ta' żball manifest jew ta' użu ħażin ta' poter, għall-osservanza tar-regoli dwar il-proċedura u l-motivazzjoni, kif ukoll

44 — Sentenzi tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni (C-83/98 P, Ġabra p. I-3271, punt 25) u tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, Ġabra p. I-10515, punt 111).

45 — Sentenzi tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, Ġabra p. I-7115, punt 99), tal-15 ta' Diċembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-66/02, Ġabra p. I-10901, punt 135), tat-12 ta' Diċembru 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-456/00, Ġabra p. I-11949, punt 41) u tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-310/99, Ġabra p. I-2289, punt 46).

l-eżattezza materjali tal-fatti li l-Kummissjoni użat biex tibbaża d-deċiżjoni<sup>46</sup>.

li kienet operazzjoni li involviet valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha tagħmel stħarriġ li għalkemm kien, fil-prinċipju, komplet, ma kellux jissostitwixxi evalwazzjoni awtonoma tagħha tal-elementi ekonomiċi ma' dik magħmula diġà mill-Kummissjoni.

103. Il-qorti tal-Unjoni hija mistennija li fil-prattikat qiegħed bilanċ delikat, fl-evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġhajnuna tal-Istat li jinvolvu evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. Fil-fatt, min-naħa, din ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-Kummissjoni; madankollu min-naħa l-oħra, għandha tistħarreġ l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat lil elementi ta' natura ekonomika, partikolarment bil-verifika jekk l-informazzjoni li użat il-Kummissjoni għall-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni kumplessa ssostnix effettivament il-konklużjonijiet li waslet għalihom din l-istituzzjoni<sup>47</sup>.

105. Madankollu, ma jidhirlix li, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti Ġenerali kienet issostitwiet l-evalwazzjoni tagħha b'dik tal-Kummissjoni.

104. F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni kellha tiddetermina l-prezz li, fl-1987, operatur ekonomiku ordinarju seta' jikseb bil-bejgħ ta' art intiża għal użu industrijali. Għalhekk huwa evidenti, u l-partijiet jidhru li jaqblu fuq dan il-punt, li l-evalwazzjoni li saret mill-Kummissjoni, wara ħafna snin mill-fatti, setgħet tkun approssimattiva biss. Barra minn hekk, jiena tal-opinjoni li ma jistax jiġi miċħud

106. Fil-fatt għandu jiġi osservat li, fil-parti tas-sentenza appellata fejn eżaminat il-mertu tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ma għamlitx evalwazzjoni awtonoma tal-valur tal-art. Minflok, illimitat ruħha li tikkunsidra ċerti elementi li jindikaw li l-Kummissjoni ma daħlitx biżżejjed fil-fond u ssuġġeriet li l-valur tal-art seta' ġie ddeterminat b'mod żbaljat. Il-Qorti Ġenerali tirreferi b'mod partikolari, għall-għażla tal-Kummissjoni li tivvaluta l-art billi tirrikorri għall-metodu tal-ispejjeż, kif ukoll għall-fatt li l-Kummissjoni ma tatx piż lil ċertu tagħrif fil-proċess, partikolarment il-valutazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-aħħar ittri mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi.

46 — Sentenzi British Aggregates vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44 (punt 114), tat-8 ta' Mejju 2003, L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (Kawżi Magħquda C-328/99 u C-399/00, Ġabra p. 1-4035, punt 39) u tad-29 ta' Frar 1996, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-56/93, Ġabra p. 1-723, punt 11).

47 — Eżempju elokwenti ta' din d-"dilemma" potenzjali tal-qorti tal-Unjoni jidher, bħala eżempju, fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, Ġabra p. 1-9947, punti 56 sa 58 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

107. Għalhekk is-sitt aggravju għandu jiġi miċhud.

wieħed jirrikonoxxi n-natura ta' prova ta' dawn l-affermazzjonijiet naturalment ma jfissirx li tiġi ddikjarata l-veridicità tagħhom: il-Qorti Ġenerali fil-fatt illimitat ruħha li tikkritika l-fatt li, abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni ma dehrilhiex li kien meħtieġ li tidħol iktar fil-fond fil-problema.

2. Fuq is-sitt aggravju li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq spekulazzjonijiet minflok fuq provi

## b) Il-kunsiderazzjonijiet

### a) L-argumenti tal-partijiet

108. Permezz tas-seba' aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali, anki fil-każ fejn ma marritx lil hinn mil-limiti imposti fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha kif indikati fis-sitt aggravju, xorta waħda wettqet żball billi bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq sempliċi spekulazzjonijiet minflok fuq provi disponibbli fil-kuntest tal-proċedura. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta indikat li l-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-istimi tal-valur tal-art indikati fl-ittra ta' Scott ta' Diċembru 1999 u fl-ittra suċċessiva tal-awtoritajiet Franċiżi ta' Frar 2000: fil-fatt f'dawk l-ittri ma kienx hemm provi iżda sempliċi affermazzjonijiet mhux pruvati.

110. Ir-risposta li għandha tingħata għas-seba' aggravju teħtieġ żewġ premessi.

111. L-ewwel nett, skont ġurisprudenza stabbilita, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi evalwata mill-qorti tal-Unjoni, biex tiġi vverifikata l-validità tagħha, abbażi tal-elementi li l-Kummissjoni seta' kellha f'idejha meta ġiet adottata d-deċiżjoni<sup>48</sup>.

109. Skont Scott, il-fehma tal-Kummissjoni hija kompletament żbaljata. Fil-fatt, l-affermazzjonijiet li hemm fl-ittri tal-istess Scott u tal-awtoritajiet Franċiżi effettivament kollha jammontaw għal provi. Madankollu, li

48 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-276/02, Ġabra p. I-8091, punt 31), tad-29 ta' April 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, Ġabra p. I-3925, punt 39), tat-3 ta' Ottubru 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-394/01, Ġabra p. I-8245, punt 34), tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, Ġabra p. I-4551, punt 33) u tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (234/84, Ġabra p. 2263, punt 16).

112. Fit-tieni lok, wieħed ma għandux jinsa li l-appell ta' sentenza tal-ewwel grad jista' jirrigwarda, abbażi tal-prinċipju ġenerali sanċit fl-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kwistjonijiet ta' dritt biss. Għalhekk ħliet fil-każ ta' tgħawwiġ tal-fatti jew tal-provi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tikkunsidra l-evalwazzjonijiet ta' fatt li tkun għamlet il-Qorti Ġenerali<sup>49</sup>.

113. L-aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi eżaminat abbażi ta' dawn il-punti stabbiliti. Għalhekk għandu jiġi vverifikat, min-naħa, jekk il-Qorti Ġenerali kinitx stħarrġet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni meta kkunsidrat elementi li din ma kellhiex f'idejha fil-mument meta ħadet id-Deċiżjoni kkontestata. Iżda min-naħa l-oħra, għandu jiġi aċċertat jekk il-Kummissjoni hijiex qed tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina mill-ġdid l-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula mil-Qorti Ġenerali.

114. Il-Qorti Ġenerali kkritikat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni essenzjalment abbażi ta' żewġ tipi ta' evalwazzjonijiet.

115. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat l-eżistenza ta' ċerti problemi speċifiċi fid-Deċiżjoni kkontestata, li jpoġġu fid-dubju l-korrettezza u l-affidabbiltà tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni wettqet kemm żbalji veri u proprji ta' kalkolu - f'sens li

ġiet iffavorita Scott, għaliex il-korrezzjoni tagħhom twassal għal stima tal-valur tal-art li jisboq dik tal-Kummissjoni<sup>50</sup> - kif ukoll nuqqasijiet ta' preċiżjoni, partikolarment minħabba r-rikors, biex jiġi ddeterminat il-prezz tas-suq tal-art fl-1987, bl-ispejjeż sostnuti, f'mumenti differenti, biex tiġi akkwistata parti minnha<sup>51</sup>.

116. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-valutazzjonijiet alternattivi tal-valur tal-art li saret referenza għalihom fl-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-21 ta' Frar 2000, kif ukoll il-fatt li fl-1998 l-art stess kienet inbiegħet minn Scott lil kumpannija privata oħra għal prezz ferm orħos mill-valur smat fid-deċiżjoni, kellhom iġiegħlu lill-Kummissjoni, abbażi tal-prinċipju li jimponilha li tagħmel eżami diliġenti u imparzjali tal-fatti, biex tidħol iktar fil-fond fil-kwistjoni tal-valur tal-art, pereżempju billi Franza tintalab it-test tal-periżji li din iċċitat jew billi tirrikorri għal espert estern<sup>52</sup>.

117. Fir-rigward tal-eżami tal-aggravju b'referenza għaż-żewġ parametri li rriferejt għalihom iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ma kkritikatx lill-Kummissjoni abbażi ta' elementi li din ma kellhiex f'idejha fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni. L-osservazzjonijiet kollha li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-fatt ġew ibbażati, kif rajna, fuq ineżattezzi li wettqet il-Kummissjoni u fuq il-piż insuffiċjenti,

49 — Ara, għal eżempju fil-każ ta' għajjnuna mill-Istat, is-sentenza Spanja vs Lenzing, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47 (punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

50 — Sentenza appellata, punti 110 u 111.

51 — Sentenza appellata, punt 115.

52 — Sentenza appellata, punti 124 sa 142.



skont il-Qorti Ġenerali, li ngħata lil ċerta informazzjoni li kien hemm, partikolarment, fl-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-21 ta' Frar 2000. Dik l-ittra, ma ninsewx, kienet iddaħħlet mill-Kummissjoni fil-fajl amministrattiv.

118. Permezz tal-aggravju inkwistjoni, xorta irid jiġi stabbilit jekk il-Kummissjoni hijiex qed tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkunsidra mill-ġdid l-evalwazzjonijiet ta' fatt tal-Qorti Ġenerali. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja twassal għal risposta fin-negattiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt ikkunsidrat li hija kwistjoni ta' dritt, li għalhekk taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell, li jiġi stabbilit jekk il-Qorti Ġenerali kinitx, abbażi ta' uħud mill-aċċertamenti ta' fatt, iddeċidiet korrettament dwar l-eżistenza ta' ksur tad-dover ta' diliġenza u tal-obbligju ta' motivazzjoni<sup>53</sup>.

119. Jiena tal-opinjoni li f'dan il-każ inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball tad-dritt, kif issostni l-Kummissjoni, billi l-Kummissjoni kellha, abbażi tal-aħħar informazzjoni mogħtija partikolarment mill-awtoritajiet Franċiżi, tikkunsidra mill-ġdid

l-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza u l-ammont tal-ghajjnuna.

120. Fil-fatt wieħed għandu jiftakar li l-Qorti Ġenerali lmentat li l-Kummissjoni essenzjalment ma għamlitx investigazzjonijiet ġodda wara l-komunikazzjoni tal-valuri tal-art li rriżultaw mill-valutazzjonijiet li saru mill-istudju tekniku Galtier u mill-Kummissarju tal-valutazzjonijiet. Kif għidt diġà iktar 'il fuq, l-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi, bħal dik li ntbagħtet f'Diċembru 1999 minn Scott, indikat biss l-eżistenza ta' dawn il-valutazzjonijiet u r-riżultat li dawn wasslu għalih. Madankollu, il-kontenut eżatt ta' dawn il-valutazzjonijiet ma ġiex irrapportat.

121. Diġà osservajt iktar 'il fuq li f'dik is-sitwazzjoni, din l-informazzjoni vaga ma setgħetx tkun suffiċjenti biex tobbliga lill-Kummissjoni, abbażi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tikkunsidra l-ittra ta' Scott. Bl-istess mod, u għall-istess raġunijiet, ma jistax jingħad li l-Kummissjoni kellha, abbażi tal-kontenut tal-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi ta' Frar 2000, terġa' tiftaħ il-fażi investigattiva ta' proċedura li kienet waslet fi tmiemha.

122. Kif semmejt diġà, is-sitwazzjoni setgħet kienet differenti kieku l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew elementi iktar konsistenti insostenn ta' dawn il-valutazzjonijiet: jekk, b'mod partikolari, annettewhomx kollha kemm

53 — Sentenza tas-6 ta' Novembru 2008, (C-405/07P) Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (Ġabra p. I-8301, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

huma, li kien ikun relattivament sempliċi, meta wieħed jikkunsidra b'mod partikolari li dik li ngħatat lill-uffiċċju Galtier kienet għet ikkummissjunata direttament minn Scott.

3. Fuq it-tmien aggravju, dwar il-bidla tal-oneru tal-prova

a) L-argumenti tal-partijiet

123. Madankollu, dan masarx, ul-impożizzjoni ta' obbligu ulterjuri biex il-Kummissjoni tidħol iktar fil-fond, f'dak l-istadju tal-proċedura, kienet tirriskja li tillegalizza kull tip ta' tattika dilatorja matul il-proċedura għall-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat.

126. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kienet qalbet l-oneru tal-prova, billi imponiet fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tiġbor provi li ma ġewx ipprovduti mill-partijiet, li fuqhom, iżda, kellu jaqa', skont l-aggravju inkwistjoni, il-piż li jiġu pprovduti l-elementi meħtieġa għall-formulazzjoni eventwali ta' deċizzjoni f'termini differenti.

124. Fi kliem ieħor, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ il-Kummissjoni setgħet legalment tagħlaq l-investigazzjoni tagħha u tiddeċiedi abbażi tal-elementi fil-pussess tagħha. Bl-istess mod, id-deċizzjoni għandha tiġi evalwata mill-qorti abbażi tal-elementi li l-Kummissjoni seta' kellha fil-mument tal-adozzjoni tal-att. Għalhekk, is-seba' aggravju tal-Kummissjoni għandu jintlaqa', u fih innifsu jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata.

127. Scott issostni li l-Kummissjoni ma fehmitx sew is-sentenza appellata, billi l-Qorti Ġenerali kkonstatat sempliċement il-fatti u rrilevat li l-Kummissjoni ma osservatx id-dover tagħha ta' diliġenza.

b) Il-kunsiderazzjonijiet

125. Għal dak li jirrigwarda l-użu tal-metodu tal-ispejjeż min-naħa tal-Kummissjoni, kif ukoll l-iżball speċifiku msemmi fil-punti 109 u 110 tas-sentenza appellata, ser nikkunsidrahom b'mod iktar iddettaljat fl-analiżi ta' aggravji ulterjuri proposti mill-Kummissjoni.

128. L-aggravju huwa infondat, u huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

129. Mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu tal-problema fuq l-oneru tal-prova f'proċedura rigward l-għajnuna mill-Istat, għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali ma imponietx

fuq il-Kummissjoni li toqgħod tfittex provi insostenn tal-pożizzjoni sostnuta minn Scott u l-awtoritajiet Franċiżi. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat biss, kif rajna, li l-provi kollha għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ma setgħu jiġġustifikaw deċizzjoni bħal dik li ttieħdet.

130. Fi kliem ieħor il-Qorti Ġenerali ma poġġiet l-ebda obbligu probatorju fuq il-Kummissjoni. Minflok hija ddeċidiet li, abbażi tal-elementi li ngħatawliha diġà, il-Kummissjoni kellha, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tapprofondixxi l-attività investigattiva tagħha.

131. Għaldaqstant, jiena tal-opinjoni li t-tmien aggravju tar-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

4. Fuq id-disa' u fuq it-tnax-il aggravju, dwar il-legalità tal-użu tal-metodu tal-ispejjeż min-naħa tal-Kummissjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

132. Permezz tad-disa' u tnax-il aggravju tal-appell il-Kummissjoni tikkontesta żewġ aspetti differenti tas-sentenza appellata.

133. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkontestat kif il-Kummissjoni rrikorriet għall-metodu tal-ispejjeż biex jiġi kkalulat il-valur tal-ġajjnuna. Għall-kuntrarju, skont il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-art fiż-żmien tal-ġhotti tal-ġajjnuna kien jirrendi legali u loġiku l-użu tal-metodu tal-ispejjeż, li jirreferi għall-ispejjeż effettivament sostnuti mill-awtoritajiet pubbliċi biex titwettaq l-operazzjoni tal-ġajjnuna. Huwa minnu li l-prezz tas-suq ta' oġġett ma jikkorrispondix neċessarjament ma' dak li l-oġġett stess sewa, iżda għandu jiġi kkunsidrat li, fil-każ inkwistjoni, l-art li hija s-suġġett tal-ġajjnuna, ġiet ippreparata "apposta" għall-eżiġenzi speċifiċi ta' Scott, u dan jagħmel inqas importanti l-prezz li dik l-art setgħet tikseb fis-suq ħieles.

134. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkritika l-affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-utilità possibbli li ssir referenza, biex jiġi ddeterminat il-valur tal-ġajjnuna, għall-prezz tat-trasferiment tal-art li seħħ fl-1998. Dan il-prezz, anki jekk jikkorrispondi ma' dak li jinkiseb fis-suq f'dak il-mument, ma jkun jista' jipprovdli l-ebda informazzjoni dwar il-valur tal-ġajjnuna ħdax-il sena qabel. Min-naħa, fl-1987 is-settur tal-karta għall-użu domestiku kien fl-aqwa tiegħu fir-rigward tal-espansjoni, filwaqt li fl-1998 dan kien fi kriżi kbira, bit-tnaqqis konsegwenti tal-valur tal-art u tal-istabbiliment. Min-naħa l-oħra, kull tip ieħor ta' oġġett għandu t-tendenza li jitlef il-valur biż-żmien, u għalhekk huwa normali li, wara li għaddew ħdax-il sena, anki l-oġġett tal-ġajjnuna mogħtija lil Scott ikun għadda minn deprezzament.

135. Skont Scott l-aggravju tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali fil-fatt ma ċaħditx il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tirrikorri għal metodu tal-ispejjeż biex jiġi ddeterminat il-valur ta' għajjnuna. Sempliċement, fil-każ inkwistjoni l-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat bħala ksur tad-dmir ta' diliġenza tal-Kummissjoni l-fatt li ma daħlitx iktar fil-fond fl-utilità possibbli, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-ammont tal-bejgħ tal-1998.

jirrigwardax l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiġbed il-konklużjonijiet dovuti mit-tagħrif li kien hemm fl-aħħar ittri ta' Scott u tal-awtoritajiet Franċiżi (fuq dawn l-aspetti kien ikkonċentrat is-seba' aggravju, li diġà ddiskutejt iktar 'il fuq). L-aggravju inkwistjoni qed jikkontesta hawnhekk l-affermazzjonijiet iktar ġenerali tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kellha tistma l-valur tal-għajjnuna billi tirrikorri għal metodi iktar affidabbli minn dak ibbażat fuq spejjeż li għamli l-awtoritajiet pubbliċi.

136. Id-Département du Loiret għamel argumenti simili bħal dawk ta' Scott, u jżid ukoll li r-raġunament tal-Kummissjoni għandu inkoerenza bażika. Jekk, kif issostni l-Kummissjoni, il-valur tas-suq tal-oġġett fl-1998 ma huwiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-valur tal-għajjnuna fl-1987, bl-istess mod ma jagħmilx sens, kif minflok għamlet il-Kummissjoni, li dak il-valur jiġi ddeterminat billi wieħed jitlaq mill-prezz medju ta' akkwist tal-art, fi tliet fażijiet distinti dwar it-tliet partijiet tiegħu, fl-1975, fl-1984 u fl-1987.

138. Għandu jiġi osservat li, kif sostniet l-istess Qorti Ġenerali, biex jiġi ddeterminat jekk il-bejgħ ta' art min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi lil persuna privata jikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat, huwa meħtieġ li wieħed jirrikorri għall-prinċipju ta' investitur privat li jopera f'ekonomija tas-suq<sup>54</sup>. Jiġifieri għandu jiġi ddeterminat jekk il-prezz imħallas mill-benefiċjarju preżunt, f'dan il-każ, Scott, huwiex dak li probabbilmnt kien jitħallas jekk fil-bejgħ tal-art kien hemm persuna privata minflok l-awtorità pubblika.

## b) Il-kunsiderazzjonijiet

137. Id-disa' aggravju tal-Kummissjoni, l-istess bħat-tnax-il wieħed, li fil-biċċa l-kbira huma simili, jikkontesta l-fatt li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni ma kinux preċiżi fir-rigward tal-valur tal-art mibjugħa lil Scott fl-1987. L-aggravju ma

139. Inġenerali, it-test ta' investitur privat f'ekonomija tas-suq huwa evalwazzjoni ekonomikament kompleksa, fejn għandu jiġi rrikonnoxxut lill-Kummissjoni marġni wiesa'

<sup>54</sup> — Ara s-sentenza appellata, punt 105.

ta' diskrezzjoni<sup>55</sup>. Għaldaqstant, kif sostnejt iktar 'il fuq, dan huwa kuntest fejn l-istħarriġ ġudizzjarju huwa fil-prinċipju limitat għall-verifika tal-eżistenza eventwali ta' żball manifest jew ta' użu ħażin ta' poter, minbarra l-istħarriġ tal-osservanza tar-regoli proċedurali u tal-eżattezza materjali tal-fatti użati biex id-deċizzjoni amministrattiva appellata jkollha bażi<sup>56</sup>.

140. F'dan il-każ partikolari jiena tal-opinjoni li l-istħarriġ li l-Qorti Ġenerali riedet teżerċita fil-konfront tad-deċizzjoni tal-Kummissjoni mar lil hinn minn dawk il-limiti. Fil-fatt għandu jittfakkar li, fiż-żmien tal-ġhajjnuna, l-awtoritajiet Franċiżi ma għamlu l-ebda valutazzjoni indipendenti tal-art, u lanqas ma ssuġġettaw il-bejgħ tiegħu għal xi proċedura minn qabel ta' tip kompetittiv, fejn seta' jiġi vverifikat kemm ix-xerrejja potenzjali kienu lesti jħallsu. Barra minn hekk, anki matul il-proċedura ta' verifika tal-eżistenza tal-ġhajjnuna, l-aġir tal-awtoritajiet Franċiżi u tal-benefiċjarju preżunt kien ikkaratterizzat, kif osservat il-Kummissjoni u kif aċċertat l-istess Qorti Ġenerali, minn ftit li xejn rieda ta' kollaborazzjoni u minn tendenza għall-indikazzjoni ta' elementi possibbli ta' prova, b'mod iktar allużiv milli konkret, fl-aħħar fażi

tal-proċedura, meta l-adozzjoni tad-deċizzjoni finali kienet imminente.

141. Huwa effettivament possibbli li, konkretament, l-istima tal-valur tal-art magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċizzjoni kkontestata ma kinitx perfettament mirquma, kif fuq kollox irrikonoxxiet l-istess Kummissjoni. Iżda jibqa' l-fatt li ma ntweraw l-ebda żball manifest li setgħet għamlet il-Kummissjoni, u li l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, iktar milli jindikaw l-eżistenza ta' żball simili jew ta' ksur paragonabbli tal-qafas leġislattiv min-naħa tal-Kummissjoni, kienu limitati biex jindikaw ċerti żbalji li, anki jekk ikkonfermati, ma jippermettux li tiġi annullata d-Deċizzjoni kkontestata. B'mod partikolari nirreferi għall-iżball ta' kalkolu indikat fil-punti 109 sa 111 tas-sentenza appellata: fuq kollox dan kien żball li mar favur Scott, u l-korrezzjoni tiegħu seta' jekk xejn, jindika valur ikbar tal-art mibjugħa (u, konsegwentement, tal-ġhajjnuna). Il-fatt li dan l-iżball ma jistax fih innifsu jiġġustifika annullament ma jfissirx, naturalment, li l-Qorti Ġenerali ma tistax tqisu: ara f'dan ir-rigward l-analiżi tiegħi tal-ġaxar aggravju tal-appell.

55 — Sentenzi L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46 (punti 38 u 39) u Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46 (punti 10 u 11). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs ippreżentati fis-27 ta' Ottubru 2005 fil-Kawża C-222/04 deċiża bis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et* (Ġabra p. I-289, punt 109 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 35 tal-konklużjonijiet).

56 — Ara iktar 'il fuq, punt 102.

142. Għalhekk jiena tal-opinjoni li anki d-disa' u t-tnax-il aggravju tal-appell għandhom jiġu milqugħa, u li, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza appellata.

5. Fuq l-għaxar, fuq it-tlettax u fuq l-erbatax-il aggravju tal-appell dwar il-valur tal-għajnuna stmata mill-Kummissjoni

li hemm fid-dokumenti li rriferew għalihom Scott u l-awtoritajiet Franċiżi.

a) L-argumenti tal-partijiet

143. Permezz tal-għaxar aggravju, il-Kummissjoni tiffoka fuq ċerti aspetti tas-sentenza appellata, marbuta wkoll mal-applikazzjoni tal-metodu tal-ispejjeż għad-determinazzjoni tal-valur tal-għajnuna. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tirrileva li l-valur li hija użat bħala stima tal-art, ta' ffit iktar minn FRF 70 miljun, huwa xorta inqas mill-ammont ta' FRF 80 miljun li, għax-xogħlijiet li kellhom isiru fuq l-istess art taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi, kien ġie indikat fil-ftehim preliminari stipulat fl-1987 bejn Scott u l-awtoritajiet Franċiżi. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta ddeċidiet li setgħet tikkunsidra, fost l-elementi insostenn tal-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, l-iżball possibbli ta' kalkolu favur Scott imsemmi fil-punt 109 sa 111 tas-sentenza appellata.

144. It-tlettax-il aggravju jtenni argumentazzjonijiet simili bħal dawk żviluppatti fl-għaxar aggravju u wħud mill-oħrajn, fejn jerġa' jintqal lil-istima tal-valur tal-art li għamlet il-Kummissjoni kienet tant prudenti li fil-fatt tirriżulta kompatibbli mal-istess informazzjoni

145. B'mod simili għat-tlettax-il aggravju, anki l-erbatax-il aggravju jerġa' jipproponi argumenti mqajma f'diversi aggravji dwar id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni biex jiġi ddeterminat il-valur tal-għajnuna.

146. Scott tikkunsidra li diġà rrispondiet l-argumenti tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-aggravji preċedenti, u ssostni li, fi kwalunkwe każ, il-qofol tas-sentenza appellata jikkonsisti fil-fatt li l-Kummissjoni ma aġixxietx bid-diliġenza meħtieġa: għalhekk, id-diversi argumenti kkunsidrati mill-Qorti Ġenerali għandhom jinftiehm u mhux bħala raġunijiet awtonomi ta' annullament, iżda bħala indizji ta' dak in-nuqqas ta' diliġenza.

b) Il-kunsiderazzjonijiet

147. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel parti tal-għaxar motiv, b'mod konformi ma' dak osservat għall-aggravji preċedenti, jiena tal-opinjoni li l-argumenti tal-Kummissjoni għandhom jintlaqgħu. Anki hawnhekk għandna quddiemna sensiela ta' kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li wasslu għall-annullament ta' deċiżjoni li fiha evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi ħafna, u dan mingħajr mal-Qorti

Ġenerali ma kienet irrilevat konkretament l-eżistenza, fir-raġunament li għamlet il-Kummissjoni, tal-ebda żball manifest jew ksur tar-regoli ta' proċedura.

aggravji oħrajn. Għalhekk fihom innifishom, ma jidhirlix li dawn jimmeritaw la analiżi speċifika u lanqas, iktar u iktar, li jintlaqgħu. Id-diskussjoni dwar id-diversi partijiet tal-aggravji inkwistjoni diġà ġiet żviluppata billi ġew ittrattati l-aggravji fejn l-argumenti kienu ġew ippreżentati għall-ewwel darba.

148. Iżda ma tistax tiġi milqugħa l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, ta' żball ta' kalkolu tal-Kummissjoni li seħħ favur Scott, il-parti rikorrenti. Għandu jiġi osservat li, kif sostniet b'mod korrett Scott, din il-konstatazzjoni ma ġietx użata mill-Qorti Ġenerali biex tgħaddi direttament għall-annullament, iżda bħala sempliċi indizju tal-eżistenza ta' ksur, min-naħa tal-Kummissjoni, tad-dmir ta' diliġenza tagħha. Għalkemm, kif indikajt iktar 'il fuq, jiena ma naqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni ma kinitx diliġenti biżżejjed fl-iżvolġiment tal-investigazzjoni tagħha fil-każ, jibqa' l-fatt li ma jistax jiġi lmentat li l-Qorti Ġenerali użat l-iżball tal-kalkolu favur Scott fost l-elementi li fuqhom ibbażat il-konvinċiment tagħha.

150. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, fil-kuntest tat-tlettax-il aggravju, biex jintwera li l-istima tal-valur tal-art li għamlet kienet prudenti u raġjonevoli, dawn għandhom jiġu deskritti, sa fejn ma jpoġġux fid-dubju apprezzamenti ta' fatt tal-Qorti Ġenerali, bħala sempliċi argumenti insostenn tal-argument, żviluppat diġà b'mod partikolari fis-sitt aggravju, li jgħid li l-Qorti Ġenerali kisret il-limiti imposti fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Diġà indikajt li dak l-argument jidhirlu li jimmerita li jiġi milqugħ, u għalhekk ma hemmx bżonn li nerġa' niġi lura għal dan il-punt.

149. Kif semmejt diġà, it-tlettax u l-erbatax-il aggravju kienu limitati li jipproponu mill-ġdid, b'mod pjuttost konfuż, osservazzjonijiet u argumenti żviluppati fil-kuntest ta'

151. Għaldaqstant għandha tiġi milqugħa l-ewwel parti tal-għaxar aggravju, filwaqt li tiġi miċħuda it-tieni parti tiegħu. Għandhom jiġu miċħuda wkoll it-tlettax u l-erbatax-il aggravju.

6. Fuq il-ħdax-il aggravju dwar il-valur probatorju tal-provediment tal-kunsill komunalni ta' Orléans

ċerti żbalji ta' abbozzar. Fil-fatt, mhux is-siltiet kollha li ċċitati issibhom fil-provediment tal-kunsill komunalni ta' Orléans li qiegħed f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja, u n-numri tal-paġni indikati fuq dan fin-nota tal-Kummissjoni huma enigmatiċi<sup>57</sup>.

a) L-argumenti tal-partijiet

152. Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkunsidrat eċċessiva l-importanza li rrikonoxxiet il-Kummissjoni, biex tivvaluta l-art mibjugħa lil Scott, tal-valur li nġhatalha f'Mejju 1994, mill-kunsill komunalni ta' Orléans. Iżda din l-informazzjoni kienet affidabbli ħafna, u l-Kummissjoni kienet korretta meta użatha għall-kalkolu tal-ġħajnuna.

155. Iżda jibqa' lil hinn mid-diversi nuqqasijiet ta' preċiżjoni li jikkarakterizzaw ukoll l-inkartament kollu tal-partijiet f'din il-kawża, il-qofol tal-aggravju tal-Kummissjoni.

153. Scott issostni li ma tafx bid-dokument li għalih tirreferi l-Kummissjoni. Fil-verbal tal-kunsill komunalni ta' Orléans tas-27 ta' Mejju 1994 fil-pussess tiegħu ma hemm, fil-fatt, l-ebda traċċa tas-siltiet iċċitati mill-Kummissjoni fir-rikors tal-appell tagħha.

156. Fl-1994 il-kunsill komunalni ta' Orléans, fir-rigward tal-kwistjoni, fiż-żmien meta kienet għadha ma bdiex il-proċedura għall-istħarriġ tal-ġħajnuna mill-Istat, indika l-"valur inizjali" tal-art fi FRF 10.9 miljun, u ppreċiża wkoll li din kienet stima konservattiva ħafna.

b) Il-kunsiderazzjonijiet

154. Maa hemmx dubju li, fit-tnejn tal-aggravju inkwistjoni, il-Kummissjoni wettqet

157. Il-Kummissjoni użat din l-informazzjoni bħala element għall-kalkolu tal-ġħajnuna possibbli mill-Istat lil Scott, u wettqet ukoll, kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punti 109 sa 111 tas-sentenza appellata, żball ta' interpretazzjoni

57 — Il-Kummissjoni ppreżentat f'Settembru 2007, flimkien mat-talba biex tkun tista' tippreżenta replika, id-dokument li rreferiet għalih fl-appell tagħha. Din hija traskrizzjoni uffiċjali tad-dibattitu li akkumpanja l-approvazzjoni tal-laqgħa tal-kunsill komunalni ta' Mejju 1994. Madankollu mhux meħtieġ li wieħed iqajjem il-problema tal-ammissibbiltà ta' dan id-dokument, għaliex dan jidher biss aċċessorju fir-rigward tad-deċiżjoni li ħa l-kunsill komunalni, li ġiet iddepożitata diġà mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.



li wassalha biex tnaqqas iżjed l-ispiża għal kull metru kwadru, dejjem b'avantaġġ għal Scott.

158. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma setgħetx toqgħod fuq dak il-valur, billi il-punt 2.2 tal-provvediment tal-kunsill komunali, fejn hija indikata dik l-istima, tikkostitwixxi “sunt qasir ħafna u mingħajr spjegazzjoni dettaljata”<sup>58</sup>. Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li, peress li ma kinitx taf il-modalitajiet tal-bejgħ tal-art min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi Franċiżi, ma jstax jiġi eskluż li l-art kienet is-suġġett ta' esproprijazzjoni u li għalhekk il-valur indikat kien ikbar minn dak tas-suq.

159. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jidherli li huwa żbaljat, u fl-opinjoni tiegħi l-aggravju tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

160. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza tal-għajnuna, kif rajna, il-Kummissjoni kellha tifformula mill-ġdid, wara li kienu għaddew ħafna snin, il-valur tal-art, billi tapplika l-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq biex tiddetermina l-eżistenza eventwali ta' għajnuna. Apparti minn dak li ntqal fuq id-diskrezzjoni li għandha tiġi rrikonossuta li għandha l-Kummissjoni f'sitwazzjoni simili, jiena tal-opinjoni li l-aġir ta' din l-istituzzjoni Komunitarja kien, f'dan il-każ inkwistjoni, korrett għall-aħħar.

F'sitwazzjoni bħal dik li għadha kif ġiet deskritta, jiena tal-opinjoni li l-użu ta' stima tal-valur tal-art i) magħmula minn waħda mill-awtoritajiet pubbliċi involuti fl-operazzjoni u ii) li tissemma f'dokument uffiċjali kienet għażla metodoloġikament korretta.

161. Jiena tal-opinjoni wkoll li hija infondata wkoll l-oġġezzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-fatt li l-valur indikat jista' ma jkunx minnu jekk l-awtoritajiet pubbliċi kienu kisbu l-artijiet bl-użu tal-istrument tal-esproprijazzjoni. L-idea bażika tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward hija li l-akkwist permezz ta' esproprijazzjoni jista' ikun jiswa iktar mill-akkwist b'kundizzjonijiet normali tas-suq, billi dan ikun ifisser il-ħlas ta' kumpens speċifiku lill-proprjetarji.

162. Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li, min-naħa, l-istrument tal-esproprijazzjoni għandu, min-natura tiegħu stess, il-kompitu li jiffavorixxi l-interess pubbliku iktar milli dak privat, u diffiċilment jista' jiġi previst ħlas, favur proprjetarju, ta' ċifri ħafna iktar sostanzjali mill-valur tas-suq tal-oġġett esproprijat. Jekk xejn, huwa iktar faċli li jiġri l-kuntrarju.

163. Iżda min-naħa l-oħra, u dan fl-opinjoni tiegħi huwa l-punt essenzjali, il-kunsill komunali ta' Orléans ma indikax il-prezz tal-art, iżda stima tal-valur tagħha. Barra minn hekk, wieħed ma għandux jinsa li dik l-istima

58 — Sentenza appellata, punt 118.

kienet biss waħda mill-elementi li affettwaw id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni fuq l-ghajjnuna.

C — *Aggravji oħra*

164. Fl-aħħar nett, anki l-ħdax-il aggravju tal-Kummissjoni huwa fondat u jimmerita li jintlaqa’.

1. Fuq il-ħames aggravju, li l-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet abbażi ta’ elementi li ma sostnietx Scott

7. Fuq il-ħmistax-il aggravju dwar it-tgħawwiġ tal-fatti u tal-provi min-naħa tal-Qorti Ġenerali

a) L-argumenti tal-partijiet

165. Permezz tal-ħmistax-il aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kienet għawġet il-fatti tal-kawża.

166. Fil-verità, l-aggravju huwa limitat għal sitt linji ta’ test biss u ma fih l-ebda element ulterjuri fir-rigward ta’ dawk żviluppatti fl-aggravji l-oħra tal-appell.

168. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball tad-dritt meta aċċettat li tieħu inkonsiderazzjoni<sup>60</sup> il-valutazzjonijiet “alternattivi” tal-art għalkemm Scott ma kinitx speċifikament irriferiet għalihom fir-rikors taġġha.

167. Huwa ċar li aggravju artikolat f’dawn it-termini ma jistax jiġi milqugħ, billi ma fih l-ebda argument li jsostnih. Iktar u iktar li l-eżistenza ta’ tgħawwiġ għandha tintwera mir-rikorrent b’mod ċirkostanzjali ħafna, bl-indikazzjoni bi preċiżjoni tal-elementi li kienu ġew distorti u billi jintwerew l-iżbalji ta’ evalwazzjoni li wettqet il-Qorti Ġenerali<sup>59</sup>.

169. Skont Scott ma kien hemm l-ebda żball, billi r-rikors taġġha kien jikkontesta l-kwantifikazzjoni tal-ghajjnuna u kien jirreferi b’mod partikolari għall-ittra tal-24 ta’ Diċembru 1999, li kienet ibbażata l-iktar fuq dawn l-istimi alternattivi tal-valur tal-art.

59 — Sentenza tas-7 ta’ Jannar 2004, *Aalborg Portland et vs Il-Kummissjoni* (Kawżi magħquda C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, *Ġabra* p. 1-123, punt 50) u *d-digriet tas-16 ta’ Diċembru 2004 C-222/03 P, APOL u AIPO vs Il-Kummissjoni* (C-222/03 P, punt 40).

60 — Ara s-sentenza appellata, punti 130 u 131.

b) Il-kunsiderazzjonijiet

meta kkomparata ma' dik li għamli l-awtoritajiet fiskali Franċiżi b'referenza għall-ittira tal-24 ta' Diċembru 1999, li skont Scott, il-Kummissjoni kienet b'mod żbaljat ċaħdet<sup>61</sup>.

170. L-aggravju propost mill-Kummissjoni ma jistax jintlaqa'.

171. Ir-rikors promotur ta' Scott quddiem il-Qorti Ġenerali kien fih kritika speċifika għall-valutazzjoni tal-art li għamlet il-Kummissjoni,

172. Għalhekk fil-preżenza ta' din il-kritika għad-Deċiżjoni kkontestata, akkumpanjata mill-produzzjoni fil-kawża tal-ittira li fiha r-referenzi għall-valutazzjonijiet "alternattivi" tal-art, il-Qorti Ġenerali setgħet tiddeċiedi korrettament li kellha ġurisdizzjoni twettaq sħarriġ, fir-rigward tal-valur tal-art, abbażi ta' elementi li kienu ngħatawlha.

## V — Konklużjoni

173. Għalhekk biex nirrikapitula, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, primarjament, tqajjem *ex officio* l-eżistenza ta' żball loġiku gravi fis-sentenza appellata u, għaldaqstant,

61 — Ara r-rikors imressaq mill-kumpannija Scott quddiem il-Qorti Ġenerali, punti 9.3 u 9.4.

li din tiġi annullata. Sussegwentement nipproponi li jiġu milqugħa s-seba' id-disa', l-għaxar (limitat għall-ewwel parti), il-ħdax u t-tnax-il aggravju tal-Kummissjoni, u fi kwalunkwe każ b'hekk tiġi annullata s-sentenza kollha. B'mod ulterjorment subordinat, nikkunsidra li għandhom jintlaqgħu wkoll l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju.

174. Billi l-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li teżamina wieħed biss mill-erba' aggravji li pproponiet Scott fir-rikors tagħha, l-istat tal-atti ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi definittivament fuq il-kwistjoni. Għalhekk il-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali.

175. Bħala konklużjoni nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- tannulla s-sentenza appellata;
  
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
  
- tirriżerva d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż.